KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
MENGOZZI
ppreżentati fis-7 ta' Diċembru 2016[1]

Kawżi magħquda C-376/15 P u C-377/15 P

Changshu City Standard Parts Factory,
Ningbo Jinding Fastener Co. Ltd
vs

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

"Appell — Dumping — Regolament (KE) Nru 1225/2009 — Artikolu 2(7)(a) kif ukoll il-paragrafi 10 u 11 — Ftehim antidumping — Artikolu 2.4 u 2.4.2 — Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 924/2012 — Importazzjoni ta' ċerti qfieli tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina — Prodott ikkonċernat — Esklużjoni ta' ċerti tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni għall-finijiet tal-kalkolu tal-marġni ta' dumping — Paragun xieraq bejn il-prezz tal-esportazzjoni u l-valur normali fil-każ ta' importazzjonijiet minn pajjiż li ma għandux ekonomija tas-suq — Rifjut li jsiru ċerti aġġustamenti — Obbligu ta' motivazzjoni"

1. Meta l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jiddeterminaw l-eżistenza ta' marġni ta' dumping, b'mod partikolari f'każ ta' importazzjonijiet ġejjin minn pajjiż li ma għandux ekonomija tas-suq, jistgħu jeskludu mill-paragun bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tranżazzjonijiet fuq l-esportazzjoni relatati ma ċerti tipi tal-prodott ikkonċernat? X'inhi l-portata tar-rekwiżit li jsiru aġġustamenti fil-kuntest tal-obbligu li jsir paragun xieraq bejn il-valur normali u l-prezz fuq l-esportazzjoni, meta l-valur normali kien iddeterminat abbażi tal-metodu tal-pajjiż analogu?

2. Dawn huma essenzjalment il-kwistjonijiet prinċipali mqajma f'dawn il-kawżi magħquda, li jirrigwardaw żewġ appelli ppreżentati konġuntament minn żewġ kumpanniji Ċiniżi, jiġifieri Changshu City Standard Parts Factory u Ningbo Jinding Fastener Co. Ltd. Permezz tal-appelli tagħhom, dawn iż-żewġ kumpanniji jitolbu l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tad-29 ta' April 2015, Changshu City Standard Parts Factory u Ningbo Jinding Fastener vs Il-Kunsill[2] (iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata"), li permezz tagħha din il-qorti ċaħdet ir-rikors tagħhom intiż għall-annullament tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 924/2012, tal-4 ta' Ottubru 2012[3] (iktar 'il quddiem ir-"Regolament ikkontestat").

3. F'dawn il-kawżi, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba tipprovdi kjarifiki importanti rigward il-portata tal-obbligi li għandhom il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem, flimkien, l-"istituzzjonijiet") meta jiddeterminaw l-eżistenza ta' marġni ta' dumping, b'mod partikolari f'każijiet ta' importazzjonijiet ġejjin minn pajjiż li ma għandux ekonomija tas-suq.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — T-558/12 u T-559/12, EU:T:2015:237.

3 — Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 91/2009 (ĠU 2012, L 275, p. 1).

I – **Il-kuntest ġuridiku**

A – *Id-dritt tad-WTO*

4. L-Artikolu 2 tal-Ftehim dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994 (GATT) (iktar 'il quddiem il-"ftehim antidumping")[4] huwa intitolat "Determinazzjoni tal-eżistenza ta' dumping".

"2.4. Isir paragun imparzjali bejn il-prezzijiet ta' esportazzjoni u l-valur normali. Dan il-paragun iseħħ fl-istess livell ta' kummerċ, normalment fil-livell ex-fabbrika, u fir-rigward ta' bejgħ magħmul kemm jista jkun fl-istess żmien. Jitqies b'mod sostanzjali f'kull każ, fuq il-mertu a bażi ta' differenzi li jaffetwaw il-komparibbilità tal-prezzijiet, li jinkludi wkoll id-differenzi fit-termini u l-kondizzjonijiet fir-rigward tal-bejgħ, taxxa, livelli ta kummerċ, kwantitajiet, karatteristiċi fisiċi, u kwalunkwe differenzi oħra li jidhru li jaffetwaw il-komparabbilità tal-prezzijiet. […] L-awtoritajiet għandhom jindikaw lill-partijiet in kwistjoni x'tip ta' informazzjoni hi meħtieġa biex jassiguraw paragun imparzjali u ma jimponux oneru tal-prova ta' natura mhux raġonevoli fuq il-partijiet". […]

2.4.2 Soġġett għad-disposizzjonijiet li jirregolaw paragun ġust fil-paragrafu 4, l-eżistenza ta' marġini ta' d-damping waqt il-fażi ta' l-investigazzjoni għandha normalment tiġi stabbilita fuq bażi tal-paragun bejn il-medja stabbilita tal-valur normali u l-medja stabbilita tal-prezzijiet ta' transazzjonijiet ta' esportazzjoni komparabbli jew permezz ta' paragun bejn il-valur normali u l-prezzijet ta' l-esportazzjoni fuq bażi ta' żewġ transazzjonijiet bejn xulxin […]".

B – *Id-dritt tal-Unjoni*

5. Ir-Regolament (KE) Nru 1225/2009[5] (iktar 'il quddiem ir-"Regolament bażiku"), fl-Artikolu 2 tiegħu, intitolat "Tistabilixxi dumping", jipprovdi:

"[…]

Ċ. Paragun

10 Għandu jsir paragun xieraq bejn il-prezz ta' l-esportazzjoni u l-valur normali. Dan il-paragun għandu jsir fl-istess livell tal-kummerċ u fejn għandhom x'jaqsmu l-bejgħ magħmula, kemm jista' jkun kważi fl-istess ħin, u b'kont dovut meħud ta' differenzi oħra li jaffettwaw il-paragun tal-prezz. Fejn il-valur normali u l-prezz ta' l-esportazzjoni kif stabbiliti mhumiex fuq bażi daqshekk komparabbli għandu jkun hemm disposizzjoni, f'forma ta' aġġustamenti, f'kull każ, fuq il-merti tiegħu, għal differenzi fil-fatturi li huma pretiżi, u murija, li jaffettwaw il-prezzijiet u l-paragun tal-prezzijiet. Kwalunkwe duplikazzjoni meta jsiru l-aġġustamenti għandha tiġi evitata, b'mod partikolari fejn jidħlu tnaqqis, ribassi, kwantitajiet u l-livell tal-kummerċ. […]

4 — Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE, tat-22 ta' Diċembru 1994, dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 11, Vol. 21, p. 80), il-Kunsill approva l-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), iffirmat f'Marakexx fil-15 ta' April 1994, kif ukoll il-ftehimiet li jinsabu fl-Annessi 1 sa 3 ta' dan il-ftehim, fejn fosthom hemm il-ftehim antidumping.

5 — Regolament tal-Kunsill, tat-30 ta' Novembru 2009, dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU 2009, L 343, p. 51), kif emendat permezz tar-Regolament (UE) Nru 1168/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2012 (ĠU 2012, L 344, p. 1).

D. Il-marġni ta' dumping

11. Soġġetti għad-disposizzjonijiet rilevanti li jirregolaw paragun xieraq, l-eżistenza ta' marġini ta' dumping matul il-perjodu ta' investigazzjoni għandha normalment tiġi stabbilita fuq il-bażi ta' paragun ta' valur normali medju peżat ma' medja peżata tal-prezzijiet tat-transizzjonijiet kollha ta' l-esportazzjoni lill-[Unjoni], jew b'paragun tal-valuri normali individwali u l-prezzijiet individwali ta' l-esportazzjoni lill-[Unjoni] fuq bażi ta' transizzjoni ma transizzjoni. Madanakollu, valur normali stabbilit fuq bażi ta' medja peżata jista' jiġi mqabbel ma prezzijiet tat-transizzjonijiet individwali kollha ta' l-esportazzjoni lill-[Unjoni], jekk hemm mudell ta' prezzijiet ta' l-esportazzjoni li ma jaqbilx b'mod sinifikanti fost xerrejja differenti, reġjuni jew perjodi ta' żmien differenti, u jekk il-metodi speċifikati fl-ewwel sentenza ta' dan il-paragrafu ma kienux jirriflettu il-grad sħiħ ta' dumping ipprattikat. […]"

II – **Il-fatti li wasslu għall-kawżi u r-Regolament ikkontestat**

6. Il-fatti li wasslu għall-kawżi huma spjegati fid-dettall fil-punti 1 sa 16 tas-sentenza appellata. Għall-finijiet ta' din il-proċedura, huwa suffiċjenti li jitfakkar li, permezz tar-Regolament Nru 91/2009[6], il-Kunsill impona dazju antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti qfieli tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw miċ-Ċina.

7. Fit-28 ta' Lulju 2011, il-Korp ta' Riżoluzzjoni ta' Tilwim (DSB) tad-WTO adotta r-Rapport tal-Bord tal-Appell kif ukoll ir-Rapport tal-grupp speċjali bir-rapport tal-Bord tal-Appell fil-każ "Il-Komunitajiet Ewropej – Miżuri antidumping definittivi dwar ċerti qfieli tal-ħadid jew tal-azzar miċ-Ċina"[7]. F'dawn ir-rapporti, kien ikkonstatat li l-Unjoni kienet kisret ċertu numru ta' dispożizzjonijiet tad-dritt tad-WTO.

8. Sabiex jiġi ddeterminat il-mod kif kellu jiġi emendat ir-Regolament Nru 91/2009 sabiex jiġi konformi mar-rakkomandazzjonijiet tad-DSB, il-Kummissjoni bdiet eżami mill-ġdid tal-miżuri antidumping imposti minn dan ir-regolament[8].

9. Wara dan l-eżami mill-ġdid, imwettaq abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1515/2001[9], fl-4 ta' Ottubru 2012, il-Kunsill adotta r-Regolament ikkontestat.

10. Fir-Regolament ikkontestat, il-Kunsill, qabelxejn irrileva li r-rapporti tad-DSB ma kinux influwenzaw il-konstatazzjonijiet esposti fir-Regolament Nru 91/2009 dwar il-prodott ikkonċernat u dwar il-prodott simili[10].

6 — Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 91/2009, tas-26 ta' Jannar 2009, li jimponi dazju antidumping definittiv fuq ċerti qfieli tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU 2009, L 29, p. 1).

7 — Rapport tal-Bord tal-Appell, AB-2011-2, WT/DS397/AB/R, tal-15 ta' Lulju 2011.

8 — Avviż tal-Kummissjoni tas-6 ta' Marzu 2012 dwar il-miżuri antidumping li qegħdin fis-seħħ fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' ċerti qfieli tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, wara r-rakkomandazzjonijiet u d-deċiżjonijiet adottati mill-Korp tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ għas-Soluzzjoni tat-Tilwim fit-28 ta' Lulju 2011 fil-KE – Tilwima dwar il-qfieli (DS397) (ĠU 2012, C 66, p. 29).

9 — Regolament tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2001, fuq il-miżuri li jistgħu jittieħdu mill-Komunità wara rapport adottat mill-Korp għall-Ftehim fuq Tilwim tal-WTO dwar kwistjonijiet fuq antidumping u antisussidji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 11, Vol. 38, p. 50). Dan ir-regolament kien issostitwiet u mħassar permezz tar-Regolament (UE) Nru 2015/476 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Marzu 2015, fuq il-miżuri li jistgħu jittieħdu mill-Unjoni wara rapport adottat mill-Korp għall-Ftehim fuq Tilwim tal-WTO dwar kwistjonijiet fuq antidumping u antisussidji (ĠU 2015, L 83, p. 6).

10 — Ara l-premessa 6 tar-Regolament ikkontestat, li tagħmel riferiment għall-premessi 40 sa 57 tar-Regolament Nru 91/2009.

11. Sussegwentement, il-Kunsill fakkar li, skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, il-valur normali għal produtturi-esportaturi, bħall-appellanti, li ma jibbenefikawx minn status ta' kumpannija li topera fil-kundizzjonijiet ta' ekonomija tas-suq, għandu jiġi stabbilit abbażi tal-prezzijiet jew tal-valur maħdum f'pajjiż analogu. F'dan il-każ, l-Indja kienet ikkunsidrata bħala pajjiż terz b'ekonomija tas-suq xierqa. Għalhekk il-valur normali kien iddeterminat abbażi tal-prezzijiet tal-prodott ikkonċernat mibjugħ fis-suq intern minn produttur Indjan li kkoopera fl-investigazzjoni [11].

12. Il-Kunsill sussegwentement ċaħad talbiet għal aġġustament ifformulati, skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku, b'mod partikolari mill-appellanti, fir-rigward ta' differenzi dwar l-ispejjeż tal-produzzjoni, kif ukoll tal-effiċjenza u tal-produttività [12]. F'dan ir-rigward, il-Kunsill indika li l-partijiet ma kinux ipproduċew prova li d-differenzi fl-ispiża tirrifletti differenzi fil-prezz. Il-Kunsill fakkar li, fl-investigazzjonijiet li jirrigwardaw pajjiżi li ma joperawx fil-kundizzjonijiet ta' ekonomija tas-suq, bħaċ-Ċina, pajjiż terz b'ekonomija tas-suq jintuża sabiex jiġi evitat li l-prezzijiet u l-ispejjeż li ma humiex ir-riżultat normali tal-forzi li jaħdmu fuq is-suq jittieħdu inkunsiderazzjoni. Peress li ebda produttur-esportatur Ċiniż ma bbenefika mill-istatus ta' kumpannija li topera fil-kundizzjonijiet ta' ekonomija tas-suq fl-investigazzjoni inizjali, l-istruttura tal-ispiża tagħhom ma setgħetx titqies bħala li tirrifletti l-valuri tas-suq li jistgħu jintużaw bħala bażi għal aġġustamenti, b'mod partikolari dwar l-aċċess għall-materji primi. Barra minn hekk, il-produttur Indjan kien f'kompetizzjoni ma' numru ta' produtturi oħra fis-suq intern Indjan, b'tali mod li l-prezzijiet tiegħu kienu jirriflettu bis-sħiħ is-sitwazzjoni fis-suq intern. Għalhekk, il-Kunsill ċaħad it-talbiet għal aġġustament.

13. Sabiex jiġi ddeterminat il-marġni ta' dumping, skont l-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, l-istituzzjonijiet għażlu li jagħmlu paragun bejn il-valur normali medju kkalkolat u l-medju kkalkolat tal-prezzijiet tat-tranżazzjonijiet għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni (iktar 'il quddiem l-"ewwel metodu simetriku") [13].

14. Madankollu, fl-istadju tal-paragun, irriżulta li l-produttur Indjan ma pproduċiex u ma kienx ibigħ it-tipi kollha tal-prodott ikkonċernat li kienu esportati mill-produtturi-esportaturi Ċiniżi [14].

15. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-istituzzjonijiet wettqu l-paragun bejn il-prezzijiet tal-esportazzjoni u l-valur normali unikament fir-rigward tat-tipi tal-prodott ikkonċernat li kienu esportati mill-produtturi-esportaturi Ċiniżi, li tip korrispondenti għalihom kien prodott u mibjugħ mill-produttur Indjan. It-tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni relatati mat-tipi tal-prodott ikkonċernat li ma kienx hemm bejgħ domestiku korrispondenti għalihom mill-produttur Indjan ġew eskluż mill-kalkolu tal-marġni ta' dumping [15]. Madankollu, l-ammont tad-dumping hekk stabbilit ġie sussegwentement iġġeneralizzat għat-tipi kollha tal-prodott ikkonċernat [16].

16. L-istituzzjonijiet ikkunsidraw dan il-metodu bħala dak l-iktar affidabbli sabiex jiġi stabbilit il-livell ta' dumping, peress li "tentattiv biex jitqabblu t-tipi l-oħra kollha esportati mat-tipi li jixbhu mill-qrib tal-produttur Indjan kien iwassal għal konklużjonijiet mhux preċiżi" [17]. Huma kkunsidraw ukoll li t-tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni użati għall-kalkolu tad-dumping kienu jirrappreżentaw it-tipi kollha tal-prodott ikkonċernat esportati mill-produtturi-esportaturi Ċiniżi [18].

11 — Premessi 29 u 31 tar-Regolament ikkontestat u l-punt 41 tas-sentenza appellata.

12 — Premessi 41 u 103 tar-Regolament ikkontestat.

13 — Premessa 105 tar-Regolament ikkontestat.

14 — Ara l-punt 42 tas-sentenza appellata.

15 — Premessi 82, 102 u 109 tar-Regolament ikkontestat kif ukoll il-punti 43, 44 u 60 tas-sentenza appellata.

16 — Ara l-punt 60 tas-sentenza appellata.

17 — Premessa 109 tar-Regolament ikkontestat.

18 — Premessa 109 tar-Regolament ikkontestat.

17. Bħala konklużjoni, ir-Regolament ikkontestat naqqas id-dazju antidumping, stabbilit bir-Regolament Nru 91/2009, għal 38.3 % għal Changshu City Standard Parts Factory u żamm id-dazju stabbilit għal Ningbro Jinding Fastener għal 64.3 %[19].

18. Fit-12 ta' Frar 2016, id-DSB adotta r-rapport tal-Bord tal-Appell kif ukoll ir-rapport tal-grupp speċjali kif immodifikat bir-rapport tal-Bord tal-Appell fil-każ "Il-Komunitajiet Ewropej – Miżuri anti-dumping definittivi dwar ċerti qfieli tal-ħadid jew tal-azzar miċ-Ċina – Riferiment taċ-Ċina għall-Artikolu 21.5 tal-Memorandum tal-ftehim dwar ir-riżoluzzjoni ta' tilwim"[20]. F'dawn ir-rapporti, kien ikkonstatat li, permezz tar-Regolament ikkontestat, l-Unjoni tkompli tikser ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tad-WTO. Dawn ir-rapporti jikkontestaw, b'mod partikolari, il-partijiet tar-Regolament ikkontestat dwar it-talbiet għal aġġustament ifformulati minn uħud mill-partijiet ikkonċernati, kif ukoll l-esklużjoni, għall-finijiet tal-kalkolu tal-marġni ta' dumping, tat-tranżazzjonijiet li jirrigwardaw tipi tal-prodott ikkonċernat esportati mill-produtturi-esportaturi Ċiniżi li ebda tip korrispondenti għalihom ma kien prodott u mibjugħ minn dan il-produttur Indjan.

19. Fis-26 ta' Frar 2016, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 2016/278[21]. F'dan ir-regolament, adottat skont ir-Regolament 2015/476[22], il-Kummissjoni, wara r-rapporti tad-DSB iċċitati fil-punt preċedenti, iddeċidiet li tħassar id-dazji antidumping stabbiliti bir-Regolament Nru 91/2009 u emendati permezz tar-Regolament ikkontestat.

III – **Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata**

20. B'atti ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-24 ta' Diċembru 2012, kull wieħed mir-rikorrenti ppreżenta rikors intiż għall-annullament tar-Regolament ikkontestat. Insostenn tar-rikors tagħhom quddiem il-Qorti Ġenerali, ir-rikorrenti invokaw żewġ motivi.

21. L-ewwel motiv kien ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 2(7)(a), (8), (9) u (11) kif ukoll tal-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku, il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni kif ukoll l-Artikolu 2.4.2 tal-ftehim antidumping. Fil-kuntest ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti kkritikaw lill-istituzzjonijiet li eskludew, għall-finijiet tal-kalkolu tal-marġni ta' dumping, it-tranżazzjonijiet li jirrigwardaw tipi tal-prodott ikkonċernat esportati mill-produtturi-esportaturi Ċiniżi li għalihom ebda tip korrispondenti ma kien prodott jew mibjugħ mill-produttur Indjan inkwistjoni.

22. It-tieni motiv kien ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku u tal-Artikolu 2.4 tal-ftehim antidumping kif ukoll fuq il-ksur tal-Artikolu 296 TFUE. Dan jirrigwarda ċ-ċaħda tat-talbiet għal aġġustament li r-rikorrenti kienu ressqu.

23. Bis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet iż-żewġ motivi tar-rikorrenti u r-rikorsi fl-intier tagħhom.

19 — Ara l-Artikolu 1 tar-Regolament ikkontestat. Sussegwentement dawn id-dazji antidumping inżammu mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/519, tas-26 ta' Marzu 2015, li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti qfieli tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, kif estiż għal importazzjonijiet ta' ċerti qfieli tal-ħadid u tal-azzar ikkunsinjati mill-Malasja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Malasja u sew jekk le, wara rieżami tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 (ĠU 2015, L 82, p. 78).

20 — Rapport tal-Bord tal-Appell, AB-2015-7, WT/DS397/AB/RW, tat-18 ta' Jannar 2016.

21 — Regolament li jħassar id-dazju antidumping definittiv impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti qfieli tal-ħadid u tal-azzar li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, kif estiżi għall-importazzjonijiet ta' ċerti qfieli tal-ħadid u tal-azzar ikkunsinjati mill-Malasja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Malasja kif ukoll jekk le (ĠU 2016, L 52, p. 24).

22 — Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 9 ta' dawn il-konklużjonijiet.

IV – **It-talbiet tal-partijiet u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja**

24. L-appellanti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja:

— tannulla s-sentenza appellata;

— tilqa' t-talbiet imressqa minnhom fil-kuntest tar-rikors li huma ppreżentaw quddiem il-Qorti Ġenerali u tannulla r-Regolament ikkontestat, sa fejn jikkonċerna lilhom, u

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż sostnuti minnhom fil-kuntest tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u tikkundanna lill-intervenjenti għall-ispejjeż tagħhom.

25. Il-Kunsill jitlob li l-appelli jiġu miċħuda u li l-appellanti jiġu kkundannati għall-ispejjeż relatati mal-appelli u mal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali.

26. Il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appelli bħala inammissibbli. Sussidjarjament, hija titlob li tiċħad l-appelli bħala infondati u li tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.

27. Permezz ta' deċiżjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Settembru 2015, il-Kawżi C-376/15 P u C-377/15 P ingħaqdu għall-finijiet tal-proċedura bil-miktub u orali, kif ukoll tas-sentenza.

V – **Analiżi**

28. Insostenn tal-appelli tagħhom, l-appellanti jqajmu żewġ aggravji. Qabel ma jiġu analizzati dawn l-aggravji, għandhom madankollu jiġu indirizzati żewġ kwistjonijiet ta' natura preliminari: l-eventwali eżistenza ta' *lis alibi pendens* u l-invokabbiltà, f'dan il-każ, tal-ftehim antidumping u tad-deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet tad-DSB.

A – *Fuq l-eċċezzjoni ta' lis alibi pendens*

29. Il-Kummissjoni tqajjem eċċezzjoni ta' *lis alibi pendens*. Hija targumenta li l-appelli fiż-żewġ kawżi magħquda preżenti huma identiċi. Fil-fatt, teżisti identiċità tal-partijiet, tal-atti kkontestati, tas-sentenza appellata, kif ukoll tal-aggravji u tal-argumenti mressqa mill-partijiet fl-appelli tagħhom.

30. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, rikors ippreżentat sussegwentment għal ieħor, bejn l-istess partijiet, ibbażat fuq l-istess motivi u li huwa intiż għall-annullament tal-istess att ġuridiku, għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli minħabba raġuni ta' *lis alibi pendens*[23].

31. F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li l-appelli ppreżentati konġuntament miż-żewġ appellanti fiż-żewġ kawżi preżenti huma eżattament bejn l-istess partijiet. Barra minn hekk, l-għan tagħhom huwa identiku, billi ż-żewġ appelli huma intiżi għall-annullament tas-sentenza appellata. Fl-aħħar nett, iż-żewġ appelli huma identiċi u jqajmu eżattament l-istess aggravji. F'dawn iċ-ċirkustanzi, peress li ġie ppreżentat sussegwentement, l-appell dwar il-Kawża C-377/15 għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli minħabba l-eżistenza ta' *lis alibi pendens*.

23 — Sentenza tad-9 ta' Ġunju 2011, Diputación Foral de Vizcaya *et* vs Il-Kummissjoni (C-465/09 P sa C-470/09 P, mhux ippubblikata, EU:C:2011:372, punt 58 u l-ġurisprudenza ċċitata).

B – *Fuq l-invokabbiltà tal-ftehim antidumping u tad-deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet tad-DSB*

32. Fl-argumenti tagħhom il-partijiet jibbażaw fuq ċerti dispożizzjonijiet tal-ftehim antidumping u fuq diversi deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet tad-DSB. Fis-sentenza appellata, sabiex tiġi evalwata l-legalità tar-Regolament ikkontestat, il-Qorti Ġenerali għamlet riferiment, minn naħa, għall-Artikoli 2.4 u 2.4.2 tal-ftehim antidumping kif ukoll, min-naħa l-oħra, sabiex tiskarta r-rilevanza tiegħu, għal rapport tal-Bord tal-Appell tad-WTO [24]. Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-punt 18 ta' dawn il-konklużjonijiet, fi Frar 2016, wara li ngħatat is-sentenza appellata, id-DSB adotta żewġ rapporti li l-konklużjonijiet tagħhom irrigwardaw direttament ir-Regolament ikkontestat. Dawn ir-rapporti kienu s-suġġett ta' dibattitu bejn il-partijiet waqt is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

33. F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li jiġi ddeterminat, preliminarjament, jekk u sa fejn il-ftehim antidumping u d-deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet tad-DSB li għalihom il-partijiet għamlu riferiment sinjifikattiv jistgħux jiġu invokati f'din il-kawża.

34. L-ewwel nett, għal dak li jirrigwarda l-ftehim antidumping, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, fid-dawl tan-natura u tal-istruttura tagħhom, il-Ftehimiet WTO, bħala prinċipju, ma jinsabux fost in-normi li fir-rigward tagħhom tista' tiġi mistħarrġa l-legalità tal-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Madankollu, f'żewġ sitwazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja ammettiet, eċċezzjonalment, li hija l-qorti tal-Unjoni li għandha, skont il-każ, tistħarreġ il-legalità ta' att tal-Unjoni u tal-atti adottati għall-applikazzjoni tiegħu fir-rigward tal-Ftehimiet WTO [25]. Dan huwa l-każ fejn l-Unjoni kellha l-intenzjoni teżegwixxi obbligu partikolari fil-kuntest ta' dawn il-ftehimiet (eċċezzjoni msejħa "Nakajima") [26] u fil-każ fejn l-att tal-Unjoni inkwistjoni jagħmel espressament riferiment għal dispożizzjonijiet preċiżi tal-imsemmija ftehimiet (eċċezzjoni msejħa "Fediol") [27].

35. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, sabiex, f'każ partikolari, is-sistema antidumping tad-WTO tista' tikkostitwixxi eċċezzjoni għall-prinċipju ġenerali li l-qorti tal-Unjoni ma tistax tistħarreġ il-legalità tal-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni fir-rigward tal-konformità tagħhom mar-regoli tal-Ftehimiet WTO, għandu jiġi stabbilit b'mod suffiċjenti fid-dritt li l-leġiżlatur wera r-rieda li jimplementa, fid-dritt tal-Unjoni, obbligu partikolari li jirriżulta mill-kuntest tal-Ftehimiet WTO. Għal dan il-għan, huwa neċessarju li jkun jista' jiġi dedott mid-dispożizzjoni speċifika tad-dritt tal-Unjoni inkwistjoni li din hija intiża sabiex timplementa fid-dritt tal-Unjoni obbligu partikolari li jirriżulta mill-Ftehimiet WTO [28].

36. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà rrikonoxxiet li, permezz tal-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, l-Unjoni kellha l-intenzjoni teżegwixxi l-obbligi partikolari inklużi fl-Artikolu 2.4.2 tal-ftehim antidumping [29].Għalhekk, il-Qorti Ġenerali ġustament ikkunsidrat, fil-punt 34 tas-sentenza appellata, li hija l-qorti tal-Unjoni li għandha tistħarreġ il-legalità tar-Regolament ikkontestat fir-rigward ta' din l-aħħar dispożizzjoni.

24 — Ara, rispettivament, il-punti 33 sa 40 u 86 sa 90 tas-sentenza appellata.

25 — Sentenza tal-4 ta' Frar 2016, C & J Clark International u Puma (C-659/13 u C-34/14, EU:C:2016:74, punti 82 sa 87 u l-ġurisprudenza ċċitata).

26 — Din l-eċċezzjoni ħadet isimha mis-sentenza tas-7 ta' Mejju 1991, Nakajima vs Il-Kunsill (C-69/89, EU:C:1991:186).

27 — Din l-eċċezzjoni ħadet isimha mis-sentenza tat-22 ta' Ġunju 1989, Fediol vs Il-Kummissjoni (70/87, EU:C:1989:254).

28 — Ara f'dan ir-rigward, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, Il-Kummissjoni vs Rusal Armenal (C-21/14 P, EU:C:2015:494, punti 44 sa 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).

29 — Ara s-sentenza tad-9 ta' Jannar 2003, Petrotub u Republica vs Il-Kunsill (C-76/00 P, EU:C:2003:4, punt 56) fir-rigward tal-Artikolu 2(11) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96, tat-22 ta' Diċembru 1995, dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 10, p. 45), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2331/96, tat-2 ta' Diċembru 1996 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 10, p. 76) li t-test tiegħu jikkorrispondi ma' dak tal-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku.

37. Fir-rigward tal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku, jirriżulta b'mod ċar miċ-ċirkustanza li din id-dispożizzjoni tuża, fl-ewwel sentenza tagħha, eżattament l-istess termini bħal dawk użati fl-Artikolu 2.4 tal-ftehim antidumping li, tal-inqas għal dak li jirrigwarda l-obbligu li jsir "paragun xieraq" bejn il-prezz tal-esportazzjoni u l-valur normali previst fl-ewwel sentenza tiegħu, il-leġiżlatur tal-Unjoni xtaq, permezz tal-imsemmija dispożizzjoni tar-Regolament bażiku, jeżegwixxi l-obbligi partikolari inklużi fil-ftehim antidumping [30]. Isegwi li, anki fir-rigward ta' din id-dispożizzjoni, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tistħarreġ il-legalità tal-atti tal-Unjoni inkwistjoni, billi tagħti lill-kunċett ta' "paragun xieraq" is-sens li dan għandu fid-dritt tad-WTO [31].

38. It-tieni nett, għal dak li jirrigwarda d-deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet tad-DSB, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-possibbiltà, għal operatur ekonomiku, li jinvoka quddiem il-qorti tal-Unjoni li att tagħha huwa inkompatibbli ma' deċiżjoni tad-DSB ma tistax tkun ammessa. B'hekk, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-inqas minbarra l-każijiet fejn, wara dawn id-deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet, l-Unjoni xtaqet tassumi obbligu partikolari, rakkomandazzjoni jew deċiżjoni tad-DSB li tikkonstata n-nuqqas ta' osservanza tar-regoli tad-WTO ma tistax, bħal fil-każ tar-regoli sostantivi inklużi fil-Ftehimiet WTO, tiġi invokata quddiem il-qorti tal-Unjoni għall-finijiet li jiġi stabbilit jekk att tagħha huwiex inkompatibbli ma' din ir-rakkomandazzjoni jew ma' din id-deċiżjoni [32].

39. Madankollu, is-supremazija tal-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni dwar it-testi tad-dritt sekondarju tal-Unjoni teżiġi li dawn tal-aħħar jiġu interpretati, sa fejn huwa possibbli, b'konformità mal-imsemmija ftehimiet. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà rreferiet għar-rapporti ta' grupp speċjali jew tal-Bord tal-Appell tad-WTO insostenn tal-interpretazzjoni tagħha ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehimiet WTO [33].

40. F'dan il-każ, fir-rigward tar-rapporti tat-28 ta' Lulju 2011 – imsemmija fil-punt 7 ta' dawn il-konklużjonijiet – adottati mid-DSB fil-każ "Il-Komunitajiet Ewropej – Miżuri antidumping definittivi dwar ċerti qfieli tal-ħadid jew tal-azzar miċ-Ċina", mill-qari tar-Regolament ikkontestat jirriżulta li l-istituzzjonijiet adottaw dan ir-regolament [34] "sabiex jieħdu inkunsiderazzjoni l-konklużjonijiet ta' [dawn] ir-rapporti għal dak li jirrigwarda r-Regolament [Nru 91/2009]" u bil-għan li "jikkoreġu l-aspetti tar-Regolament [Nru 91/2009] li ġew iddikjarati inkoerenti mid-DSB f'[dawn] ir-rapport[i]" [35].

41. F'dawn iċ-ċirkustanzi, fid-dawl tar-riferimenti espliċiti għall-imsemmija rapporti u tal-volontà manifesta li jittieħdu inkunsiderazzjoni, fir-Regolament ikkontestat, il-konklużjonijiet li jinsabu f'dawn ir-rapporti, għandu jiġi kkunsidrat li, f'dan il-każ partikolari, billi ppromulgaw l-imsemmi regolament, l-istituzzjonijiet xtaqu jeżegwixxu, fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, il-konklużjonijiet li jinsabu fl-imsemmija rapporti. Isegwi li hija l-qorti tal-Unjoni li għandha tevalwa, sa fejn dan jirriżulta neċessarju, il-legalità tar-Regolament ikkontestat fir-rigward ta' dawn ir-rapporti.

30 — Ara f'dan is-sens, ukoll is-sentenza tat-8 ta' Lulju 2008, Huvis vs Il-Kunsill (T-221/05, EU:T:2008:258, punt 73).

31 — Ara f'dan is-sens, għal dak li jirrigwarda l-Artikolu 1 tar-Regolament bażiku, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wathelet fil-Kawża Portmeirion Group (C-232/14, EU:C:2015:583, punt 73). Ara, ukoll, is-sentenza tas-17 ta' Marzu 2016, Portmeirion Group (C-232/14, EU:C:2016:180, punti 40 *et seq*).

32 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Novembru 2011, X u X BV (C-319/10 u C-320/10, mhux ippubblikata, EU:C:2011:720, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata), kif ukoll tal-4 ta' Frar 2016, C & J Clark International u Puma (C-659/13 u C-34/14, EU:C:2016:74, punt 96). Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fil-fatt, ir-rakkomandazzjonijiet jew id-deċiżjonijiet tad-DSB li jikkonstataw in-nuqqas ta' osservanza tar-regoli tad-WTO ma jistgħux fil-prinċipju, u tkun xi tkun il-portata ġuridika marbuta magħhom, ikunu fundamentalment distinti mir-regoli sostantivi li jistabbilixxu l-obbligi assunti minn membru fil-kuntest tad-WTO.

33 — Sentenza tal-10 ta' Novembru 2011, X u X BV (C-319/10 u C-320/10, mhux ippubblikata, EU:C:2011:720, punti 44 u 45 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). F'dan ir-rigward, ara pereżempju, is-sentenza tas-17 ta' Marzu 2016, Portmeirion Group (C-232/14, EU:C:2016:180, punt 43).

34 — Ir-Regolament ikkontestat kien ġie adottat abbażi tar-Regolament Nru 1515/2001 (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 9 ta' dawn il-konklużjonijiet).

35 — Ara b'mod partikolari l-preambolu u l-premessi 2, 3, 6, 7, 9, 10, 12, 22, 23, 110, 112, 117, 125, 127, 128, 130, 132, 135, 138 tar-Regolament ikkontestat.

42. Min-naħa l-oħra, fir-rigward tar-rapporti tad-DSB adottati fit-12 ta' Frar 2016 abbażi tal-Artikolu 21(5) tal-Memorandum tal-ftehim dwar ir-regoli u proċeduri li jirregolaw ir-riżoluzzjoni ta' tilwim, imsemmija fil-punt 18 ta' dawn il-konklużjonijiet, għandu qabelxejn jiġi rrilevat li dawn huma sussegwenti għall-adozzjoni kemm tar-Regolament ikkontestat kif ukoll tas-sentenza appellata [36]. Barra minn hekk, kif irrilevajt fil-punt 19 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Kummissjoni, abbażi tar-Regolament 2015/476, adottat ir-Regolament 2016/278 li fih hija kkunsidrat xieraq, wara konstatazzjonijiet li jinsabu fl-imsemmija rapporti, li tħassar il-miżuri antidumping stabbiliti mir-Regolament ikkontestat [37]. Issa, mill-Artikolu 2 tar-Regolament 2016/278 jirriżulta li t-tħassir ta' dawn il-miżuri beda japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu u ma jistax iservi bħala bażi għar-rimbors tad-dazji miġbura qabel dik id-data. F'dawn iċ-ċirkustanzi jirriżulta li, billi eskludiet ir-rimbors tad-dazji mħallsa skont ir-Regolament ikkontestat, l-Unjoni ma xtaqitx teżegwixxi obbligu partikolari assunt fil-kuntest tad-WTO [38]. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, f'dan il-każ, il-legalità tar-Regolament ikkontestat u, wisq inqas, dik tas-sentenza appellata, ma jistgħux jiġu evalwati fir-rigward tal-imsemmija rapporti tad-DSB.

43. Fl-aħħar nett, fir-rigward tar-rapporti l-oħra tad-DSB invokati mill-partijiet, għandu jiġi kkonstatat li l-istituzzjonijiet ma xtaqux jassumu obbligu partikolari għal dak li jirrigwarda r-Regolament ikkontestat wara dawn ir-rapporti. F'dawn iċ-ċirkustanzi, fid-dawl tal-ġurisprudenza msemmija fil-punt 39 ta' dawn il-konklużjonijiet, dawn ir-rapporti jistgħu l-iktar jikkostitwixxu elementi li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tuża sabiex tinterpreta d-dispożizzjonijiet tal-ftehim antidumping inkwistjoni.

C – *Fuq l-ewwel aggravju, dwar l-esklużjoni mill-kalkolu tal-marġni ta' dumping ta' ċerti tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni li jikkonċernaw il-prodott ikkonċernat*

44. L-ewwel aggravju jirrigwarda r-raġunament li jinsab fil-punti 29 sa 90 tas-sentenza appellata. Dan huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 2(10) u (11) tar-Regolament bażiku kif ukoll tal-Artikoli 2.4 u 2.4.2 tal-ftehim antidumping. F'dan l-aggravju, l-appellanti jilmentaw, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali ma kkritikatx lill-istituzzjonijiet talli ddeterminaw il-marġni ta' dumping billi eskludew mill-paragun mal-valur normali ċerti tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni, jiġifieri dawk li jirrigwardaw it-tipi tal-prodott ikkonċernat li ma kellhomx prodott korrispondenti mingħand il-produttur Indjan.

1. Is-sentenza appellata

45. Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, moqri fid-dawl tal-Artikolu 2.4.2 tal-ftehim antidumping, jeħtieġ li, meta l-istituzzjonijiet jiddeterminaw il-marġni ta' dumping, huma jipparagunaw mal-valur normali unikament it-tranżazzjonijiet li huma paragunabbli miegħu. Skont ir-riferiment magħmul fl-imsemmija regoli għad-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-paragun xieraq, l-istituzzjonijiet huma obbligati "sa fejn possibbli" li jirrendu t-tranżazzjonijiet paragunabbli billi jagħmlu aġġustamenti. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet inkwistjoni ma jeħtiġux li l-paragun ikun "l-iktar xieraq" possibbli, iżda biss li jkun "xieraq" [39].

36 — Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tal-10 ta' Novembru 2011, X u X BV (C-319/10 u C-320/10, mhux ippubblikata, EU:C:2011:720, punt 40).

37 — Ara l-premessi 10 u 13 kif ukoll l-Artikolu 1 tar-Regolament 2016/278.

38 — Ara s-sentenza tas-27 ta' Settembru 2007, Ikea Wholesale (C-351/04, EU:C:2007:547, punt 35).

39 — Punti 37, 40 u 61 tas-sentenza appellata.

46. F'dan il-każ, skont il-Qorti Ġenerali, it-tipi kollha tal-prodott ikkonċernat setgħu jiġu assimilati mal-prodott "simili" u setgħu għalhekk jitqiesu bħala paragunabbli. Madankollu, dan ma kienx biss il-każ għall-prezzijiet ta' ċerti tipi tal-prodott ikkonċernat, jiġifieri l-prezzijiet tal-prodotti esportati mill-produtturi-esportaturi Ċiniżi li ma kinux prodotti mill-produttur Indjan. L-assenza ta' prezz ta' bejgħ fl-Indja għal dawn it-tipi tal-prodott ikkonċernat, minkejja li huma simili, kienet għalhekk ipprekludiet it-twettiq tal-paragun għal dawn it-tipi għall-finijiet tal-kalkolu tal-marġni ta' dumping [40].

47. Il-Qorti Ġenerali sussegwentement eżaminat il-metodi differenti, previsti mir-Regolament bażiku, li eventwalment kienu ppermettew lill-istituzzjonijiet jiksbu l-valur normali għat-tipi tal-prodott ikkonċernat li ma kellhomx prodott korrispondenti mingħand il-produttur Indjan. Madankollu, skont il-Qorti Ġenerali, anki jekk kellhom jitqiesu bħala li setgħu jitwettqu, dawn il-metodi ma kinux jiżguraw paragun iktar xieraq minn dak imwettaq mill-istituzzjonijiet [41]. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ukoll l-argumenti mressqa mill-appellanti fir-rigward tan-natura rappreżentattiva tal-marġni ta' dumping ikkalkolati fir-rigward tat-tipi kollha tal-prodott ikkonċernat esportati [42]. Wara din l-analiżi, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-Kunsill ma kienx wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni meta eskluda mill-kalkolu tal-marġni ta' dumping it-tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni relatati mat-tipi tal-prodott ikkonċernat li għalihom il-prezzijiet ta' bejgħ tal-produttur fil-pajjiż analogu ma kinux disponibbli.

2. Sunt qasir tal-argumenti tal-partijiet

48. Fl-ewwel lok l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku u tal-Artikolu 2.4.2 tal-ftehim antidumping. Dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet għandhom jiġu interpretati bħala li jeħtieġu li l-bejgħ tal-esportazzjoni kollu tal-prodott ikkonċernat, kif iddefinit waqt il-ftuħ tal-investigazzjoni, għandu jkun inkluż fil-paragun għall-finijiet tal-kalkolu tal-marġni ta' dumping. Fil-fatt, dan il-marġni għandu jirrigwarda l-prodott kollu fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, l-istatus ta' pajjiż li ma għandux ekonomija tas-suq ma jippermettix li ssir deroga mir-regoli li jirrigwardaw id-determinazzjoni tal-marġni ta' dumping.

49. Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali amalgamat l-obbligi li jirrigwardaw il-kalkolu tal-marġni ta' dumping ma' dawk li jirrigwardaw il-paragun xieraq. L-ewwel nett, billi eżaminat jekk is-soluzzjonijiet differenti li jippermettu paragun tat-tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni kollha humiex "xierqa" jew le, il-Qorti Ġenerali naqset l-obbligi li jirrigwardaw il-kalkolu tal-marġni ta' dumping għal dawk li jirrigwardaw il-paragun xieraq. It-tieni nett, il-konformità tal-kalkolu tal-marġni ta' dumping fl-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku ma għandhiex tiġi evalwata abbażi tal-kunċett ta' "prezz paragunabbli" [43], iżda fuq dak ta' "tranżazzjonijiet paragunabbli". L-appellanti jikkontestaw ukoll l-espressjoni "sa fejn possibbli" użata mill-Qorti Ġenerali [44].

50. Fit-tielet lok u fi kwalunkwe każ, l-analiżi tal-Qorti Ġenerali hija żbaljata. Fil-fehma tagħhom, għandu jiġi stabbilit mhux li approċċ huwa iktar xieraq mill-ieħor, iżda li l-approċċ użat huwa konformi mal-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku u mal-Artikolu 2.4.2 tal-ftehim antidumping. Huma l-istituzzjonijiet, u mhux il-partijiet ikkonċernati, li għandhom jiżguraw l-osservanza ta' dawn id-dispożizzjonijiet. Il-kunċett ta' "rappreżentattività" ma huwiex rilevanti, peress li ma jissemmix la fir-Regolament bażiku u lanqas fil-ftehim antidumping. Fi kwalunkwe każ, l-appellanti wrew in-natura mhux rappreżentattiva, għal dak li jirrigwarda tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni użati mill-istituzzjonijiet.

40 — Punt 63 tas-sentenza appellata.

41 — Punti 67 sa 84 tas-sentenza appellata.

42 — Ara, b'mod speċifiku, il-punti 81 sa 83 tas-sentenza appellata.

43 — L-appellanti jirreferu għall-punt 61 tas-sentenza appellata.

44 — Ara l-punt 40 tas-sentenza appellata u l-punt 45 ta' dawn il-konklużjonijiet.

51. L-istituzzjonijiet jikkontestaw l-aggravji tal-appellanti. Il-Kummissjoni ssostni l-ewwel nett li l-ewwel aggravju huwa inammissibbli, peress li l-appellanti jikkontestaw l-evalwazzjoni tal-fatti u ma jidentifikawx żball ta' liġi, u huwa wkoll ineffettiv. Sussegwentement, skont il-Kummissjoni, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku u tal-Artikolu 2.4.2 tal-ftehim antidumping proposta mill-appellanti tikkostitwixxi distorsjoni tal-ispirtu u tal-kontenut tal-Artikolu 2.4 tal-ftehim antidumping, li huwa "miżjud" bil-prinċipju tal-"paragun xieraq", prinċipju li jipprevali. Il-Kunsill jikkunsidra li l-formulazzjoni tar-Regolament bażiku u dik tal-ftehim antidumping jindikaw b'mod ċar li r-rekwiżit ta' paragun xieraq għandu jipprevali fuq l-obbligu li jiġi kkalkolat il-marġni ta' dumping abbażi tat-tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni kollha. Skont l-istituzzjonijiet, il-ġurisprudenza u r-rapporti tal-Bord tal-Appell tad-DSB invokati mill-appellanti ma humiex rilevanti għaliex dawn jikkonċernaw il-kwistjoni tat-tnaqqis sa żero li hija ferm differenti minn dik inkwistjoni fil-kawżi preżenti. Min-naħa l-oħra, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2.4.2 tal-ftehim antidumping magħmula mill-Bord tal-Appell tad-DSB turi li t-terminu "paragunabbli" għandu importanza kbira sabiex jiġi żgurat "paragun xieraq". Barra minn hekk mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-kunċett ta' rappreżentattività huwa rilevanti.

3. Evalwazzjoni

52. Dan l-aggravju jikkonċerna l-portata tal-obbligi li għandhom l-istituzzjonijiet meta jiddeterminaw l-eżistenza tal-marġni ta' dumping skont l-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku.

53. L-ilmenti mressqa mill-appellanti jirrigwardaw l-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni mogħtija fis-sentenza appellata – imfakkra fil-punti 45 u 46 ta' dawn il-konklużjonijiet – li abbażi tagħha l-Qorti Ġenerali ġġustifikat, f'dan il-każ, l-esklużjoni tat-tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni relatati ma' ċerti tipi tal-prodott ikkonċernat mill-kalkolu tal-marġni ta' dumping.

54. Qabelxejn, għandu jiġi rrilevat li, għall-kuntrarju ta' dak li ssostni l-Kummissjoni, l-ewwel aggravju la huwa inammissibbli fl-intier tiegħu, u lanqas ineffettiv.

55. Fil-fatt, minn naħa, hekk kif fl-opinjoni tiegħi jirriżulta b'mod evidenti mis-sunt tal-argumenti tal-appellanti[45], dawn jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali bi żbalji ta' liġi li jirriżultaw minn interpretazzjoni żbaljata allegata tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku u tal-ftehim antidumping li jirregolaw il-kalkolu tal-marġni ta' dumping u l-paragun xieraq. Dawn huma kwistjonijiet ta' liġi ammissibbli fil-kuntest tal-appell.

56. Min-naħa l-oħra, l-aggravju lanqas ma huwa ineffettiv. Fil-fatt, għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja, billi tilqa' dan l-aggravju, kellha tiddeċiedi li l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni tar-Regolament bażiku u tal-ftehim antidumping mogħtija mill-Qorti Ġenerali hija żbaljata, is-sentenza appellata hija vvizzjata minn żball ta' liġi li jwassal għall-annullament tagħha.

57. Fir-rigward tal-analiżi tal-mertu tal-ilmenti differenti mressqa mill-appellanti, għandu qabelxejn jitfakkar li, kif ġustament irrilevat il-Qorti Ġenerali, hija ġurisprudenza stabbilita, fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni, u b'mod iktar partikolari fil-qasam ta' miżuri ta' difiża kummerċjali, li l-istituzzjonijiet għandhom setgħa diskrezzjonali wiesgħa minħabba l-kumplessità tas-sitwazzjonijiet ekonomiċi, politiċi u ġuridiċi li huma għandhom jeżaminaw[46].

45 — Ara l-punti 48 sa 50 ta' dawn il-konklużjonijiet.

46 — L-istħarriġ ġudizzjarju ta' tali evalwazzjoni għandu għalhekk ikun limitat għall-verifika tal-osservanza tar-regoli tal-proċedura, tal-eżattezza materjali tal-fatti kkunsidrati biex issir l-għażla kkontestata, tal-assenza ta' żball manifest fl-evalwazzjoni ta' dawn il-fatti jew tal-assenza ta' użu ħażin ta' poter. Ara, fost oħrajn, is-sentenza tas-7 ta' April 2016, ArcelorMittal Tubular Products Ostrava *et* vs Il-Kunsill u Il-Kunsill vs Hubei Xinyegang Steel (C-186/14 P u C-193/14 P, EU:C:2016:209, punt 34 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

58. B'mod iktar preċiż, mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku u, b'mod iktar partikolari, l-għażla bejn metodi differenti ta' kalkolu tal-marġni ta' dumping, jippreżumu l-evalwazzjoni ta' sitwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi [47].

59. Issa, minkejja li l-istituzzjonijiet għandhom setgħa diskrezzjonali fl-implementazzjoni tal-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, din is-setgħa għandha madankollu tiġi eżerċitata b'mod kompatibbli mal-qafas regolamentari stabbilit mill-istess regolament. Minn dan il-qafas regolamentari jirriżultaw żewġ rekwiżiti partikolari li jidhirli li huma rilevanti f'dan il-kuntest.

60. Fl-ewwel lok, għandu jiġi rrilevat li l-qafas regolamentari antidumping jirrigwarda dumping ta' prodott. Id-definizzjoni nnifisha ta' dumping li tinsab fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament bażiku tirreferi għal "dumping ta' prodott" [48].

61. Għalhekk ma huwiex inċidentalment li, fil-kuntest tal-investigazzjonijiet tagħhom fil-qasam ta' antidumping, wieħed mill-ewwel passi mwettqa mill-istituzzjonijiet huwa li jiġi ddefinit il-prodott ikkonċernat mill-investigazzjoni. Din id-definizzjoni hija intiża sabiex tiddetermina l-lista ta' prodotti li l-importazzjonijiet tagħhom fl-Unjoni huma s-suġġett tal-investigazzjoni antidumping u li, jekk ikun il-każ, wara din, ikunu s-suġġett tal-impożizzjoni tad-dazji antidumping [49]. Huwa wkoll abbażi ta' din id-definizzjoni li sussegwentement ġie identifikat il-"prodott simili", skont l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

62. Madankollu, ladarba l-istituzzjonijiet ikunu ddefinixxew il-prodott ikkonċernat, huma għandhom l-obbligu li jitrattaw dan il-prodott b'mod koerenti matul l-investigazzjoni kollha, b'konformità ma' din id-definizzjoni [50].

63. B'mod partikolari jirriżulta li meta l-istituzzjonijiet jiddeterminaw l-eżistenza ta' marġni ta' dumping, huma għandhom jistabbilixxuha fir-rigward tal-*prodott* ikkonċernat, kif iddefinit fil-kuntest tal-investigazzjoni, u b'mod iktar speċifiku, fir-rigward ta' dan il-prodott fit-totalità tiegħu [51]. Qabelxejn, ma jistgħux jiddefinixxu l-prodott ikkonċernat mill-investigazzjoni b'ċertu mod u, sussegwentement, jikkalkolaw il-marġni ta' dumping b'mod li ma huwiex kompletament koerenti ma' dik id-definizzjoni.

47 — Ara s-sentenza tas-27 ta' Settembru 2007, Ikea Wholesale (C-351/04, EU:C:2007:547, punt 41).

48 — Skont din id-dispożizzjoni, *prodott* huwa kkunsidrat bħala s-suġġett ta' dumping meta l-prezz tal-esportazzjoni tiegħu lejn l-Unjoni jkun inqas mill-prezz paragunabbli, użat matul tranżazzjonijiet kummerċjali normali, għall-prodott simili fil-pajjiż esportatur.

49 — Ara f'dan ir-rigward, il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti Ġenerali msemmija fil-punt 46 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wathelet fil-kawża Portmeirion Group (C-232/14, EU:C:2015:583).

50 — Ara f'dan ir-rigward, għal dak li jirrigwarda l-Artikolu 2.4.2 tal-ftehim antidumping, il-punt 53 tar-rapport tal-Bord tal-Appell tad-WTO tal-1 ta' Marzu 2001 intitolat "Komunitajiet Ewropej – Dazji antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' lożor u mħaded tal-qoton mill-Indja" (DS141/AB/R).

51 — Ara f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Léger fil-kawża Ikea Wholesale (C-351/04, EU:C:2006:236, punti 159 u 163). Barra minn hekk dan jirriżulta mit-termini stess tad-definizzjoni tal-marġni ta' dumping, li, skont l-Artikolu 2(12) tar-Regolament bażiku, huwa kkostitwit mill-ammont li permezz tiegħu l-valur normali jaqbeż il-prezz tal-esportazzjoni. Issa, il-prezz tal-esportazzjoni huwa ddefinit fl-Artikolu 2(8), bħala l-prezz imħallas jew li għandu jitħallas għall-*prodott* mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni. Barra minn hekk, diversi rapporti tal-Bord tal-Appell tad-WTO jirreferu, fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 2.4.2 tal-ftehim antidumping, għar-rekwiżit li jiġi kkunsidrat il-prodott ikkonċernat fit-totalità tiegħu. F'dan ir-rigward, ara, pereżempju, il-punti 51 u 53 tar-Rapport tal-Bord tal-Appell tad-WTO tal-1 ta' Marzu 2001, intitolat "Komunitajiet Ewropej – Dazji antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' lożor u mħaded tal-qoton mill-Indja" (DS141/AB/R), kif ukoll il-punti 98 u 99 tar-Rapport tal-Bord tal-Appell tad-WTO tal-11 ta' Awwissu 2004, intitolat "Stati Uniti – Determinazzjoni finali tal-eżistenza ta' dumping fir-rigward ta' travi mill-Kanada" (DS264/AB/R).

64. Dan ma jfissirx li huwa pprojbit lill-istituzzjonijiet, fil-każ fejn iqisu xieraq għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-marġni ta' dumping, li jaqsmu l-prodott ikkonċernat f'tipi jew f'mudelli u li jwettqu paraguni multipli. Madankollu, ir-rekwiżit ta' trattament koerenti tal-prodott matul l-investigazzjoni jimplika li huwa neċessarju li r-riżultati ta' dawn il-paraguni kollha jiġu sussegwentement meħuda inkunsiderazzjoni u li l-marġni ta' dumping jiġi stabbilit għall-prodott ikkunsidrat fit-totalità tiegħu [52].

65. Fit-tieni lok, mit-termini stess tal-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku jirriżulta li d-determinazzjoni tal-marġni ta' dumping hija suġġetta għar-rekwiżit li dawn il-marġni jirriflettu l-grad sħiħ ta' dumping ipprattikat [53].

66. B'hekk, fil-kuntest tal-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tagħhom fl-applikazzjoni tal-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, huma l-istituzzjonijiet li għandhom japplikaw il-metodi ta' kalkolu tal-marġni ta' dumping b'mod li jiġi żgurat li dawn il-marġni, hekk kif iddeterminati, jirriflettu l-grad sħiħ tad-dumping ipprattikat [54].

67. Issa, interpretazzjoni tal-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku bħal dik mogħtija mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata, li tippermetti lill-istituzzjonijiet jeskludu mill-kalkolu tal-marġni ta' dumping tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni relatati ma' ċerti tipi tal-prodott ikkonċernat kif iddefinit fil-kuntest tal-investigazzjoni, filwaqt li madankollu tippermettilhom japplikaw il-marġni ta' dumping hekk ikkalkolat għat-tipi kollha tal-prodott ikkonċernat, tista', fl-opinjoni tiegħi, tikser iż-żewġ rekwiżiti msemmija fil-punti 62 u 63 kif ukoll 65 u 66 ta' dawn il-konklużjonijiet.

68. Fil-fatt, minn naħa, għalkemm ċerti tipi tal-prodott ikkonċernat ma humiex ikkunsidrati fil-kalkolu tal-marġni ta' dumping, dawn il-marġni jiġu kkalkolati biss fir-rigward ta' parti mill-prodott ikkonċernat u mhux fir-rigward ta' dan il-prodott fit-totalità tiegħu, kif iddefinit fil-kuntest tal-investigazzjoni.

69. Min-naħa l-oħra, billi jeskludu mill-kalkolu tal-marġni ta' dumping it-tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni li jirrigwardaw ċerti tipi tal-prodott ikkonċernat, l-istituzzjonijiet ma jistgħux jieħdu inkunsiderazzjoni u lanqas ikejlu l-effett li dawn it-tranżazzjonijiet għandhom fuq il-kalkolu tal-marġni ta' dumping globali. Isegwi li, b'dan il-mod, dawn il-marġni jistgħu ma jirriflettux il-grad sħiħ tad-dumping ipprattikat.

70. Il-konklużjoni li l-istituzzjonijiet ma jistgħux jeskludu mill-kalkolu tal-marġni ta' dumping tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni relatati ma' ċerti tipi tal-prodott ikkonċernat hija barra minn hekk ikkonfermata, l-ewwel nett, fil-formulazzjoni tal-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, it-tieni nett, fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, u t-tielet nett, fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 2.4.2 tal-ftehim antidumping magħmula fil-livell tad-WTO.

52 — Għal dak li jirrigwarda l-Artikolu 2.4.2 tal-ftehim antidumping, ara l-punti 80, 98 u 99 tar-Rapport tal-Bord tal-Appell tad-WTO tal-11 ta' Awwissu 2004 intitolat "Stati Uniti – Determinazzjoni finali tal-eżistenza ta' dumping fir-rigward ta' travi mill-Kanada" (DS264/AB/R). F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, fis-sentenza tas-27 ta' Settembru 2007, Ikea Wholesale (C-351/04, EU:C:2007:547), il-Qorti tal-Ġustizzja ma qajmitx dubju dwar l-ammissibbiltà fid-dritt tal-Unjoni tal-użu tal-metodu ta' paraguni multipli.

53 — Fil-fatt, minn din id-dispożizzjoni jirriżulta li ż-żewġ metodi simetriċi previsti fiha għandhom jippermettu r-riflessjoni tal-grad sħiħ ta' dumping ipprattikat u li huwa biss jekk dan ma jkunx il-każ (u jekk il-mudell ta' prezzijiet tal-esportazzjoni ma jaqbilx b'mod sinifikattiv fost ix-xerrejja, reġjuni jew perijodi differenti) li l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw il-metodu asimetriku. F'dan ir-rigward, ara s-sentenza tad-9 ta' Jannar 2003, Petrotub u Republica vs Il-Kunsill (C-76/00 P, EU:C:2003:4, punt 49), kif ukoll il-punti 73 *et seq* tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs fil-kawża Petrotub u Republica vs Il-Kunsill (C-76/00 P, EU:C:2002:253).

54 — Ara f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Léger fil-kawża Ikea Wholesale (C-351/04, EU:C:2006:236, punt 154).

71. Fil-fatt, l-ewwel nett, il-formulazzjoni tal-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku tipprovdi b'mod espliċitu li, fil-kuntest tal-ewwel metodu simetriku, l-eżistenza ta' marġni ta' dumping hija stabbilita abbażi ta' paragun ta' valur normali medju kkalkolat mal-medja kkalkolata tal-prezzijiet *tal-esportazzjonijiet kollha lejn l-Unjoni*. Tali formulazzjoni tħalli ftit spazju għall-possibbiltà li jiġu eskluži mill-kalkolu tal-marġni ta' dumping it-tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni relatati ma' ċerti tipi tal-prodott ikkonċernat.

72. It-tieni nett, fis-sentenza Ikea Wholesale[55], il-Qorti tal-Ġustizzja kkritikat lill-Kunsill talli "ma kkalkolax il-marġni ta' dumping globali billi bbaża ruħu fuq paraguni li jirriflettu kompletament *il-prezzijiet kollha ta' l-esportazzjoni* paragunabbli"[56].

73. It-tielet nett, il-Bord tal-Appell tad-DSB, fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 2.4.2 tal-ftehim antidumping, iddikjara b'mod espliċitu li l-eżistenza ta' marġni ta' dumping relatat mal-prodott ikkonċernat għandha tiġi stabbilita "abbażi ta' paragun bejn il-valur normali medju kkalkolat u l-medja kkalkolata tal-prezzijiet tat-tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni paragunabbli kollha – jiġifieri *t-tranżazzjonijiet kollha* li jirrigwardaw *il-mudelli jew tipi tal-prodott* previst mill-investigazzjoni"[57].

74. Dawn ir-riferimenti kemm għall-formulazzjoni tal-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku kif ukoll għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u għad-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appell tad-DSB, f'każijiet li kienu jirrigwardaw il-legalità tal-metodu msejjaħ "tat-tnaqqis għal żero"[58] jeħtieġu preċiżjoni doppja.

75. L-ewwel preċiżjoni tirrigwarda l-interpretazzjoni magħmula mill-Qorti Ġenerali tal-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali interpretat din id-dispożizzjoni fid-dawl tal-Artikolu 2.4.2 tal-ftehim antidumping u fir-rigward tal-obbligu li jsir "paragun xieraq" previst fl-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku u fl-Artikolu 2.4 tal-ftehim antidumping.

76. Skont il-Qorti Ġenerali, minn dawn id-dispożizzjonijiet kollha jirriżulta essenzjalment li l-istituzzjonijiet għandhom jipparagunaw mal-valur normali mhux il-prezz tat-tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni kollha relatati mal-prodott ikkonċernat, iżda biss "it-*tranżazzjonijiet* li huma *paragunabbli* miegħu"[59] kollha. F'dan il-każ, it-tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni relatati mat-tipi tal-prodott ikkonċernat li għalihom, mingħand il-produttur Indjan, ma kienx jeżisti prodott korrispondenti u għalhekk *prezz* (ta' bejgħ) *paragunabbli* ma kinux, skont il-Qorti Ġenerali, *tranżazzjonijiet paragunabbli*. Fl-assenza ta' metodu li kien jiżgura paragun iktar xieraq minn dak magħmul mill-istituzzjonijiet, kien ikun għalhekk leġittimu li dawn it-tranżazzjonijiet jiġu eskluži mill-kalkolu tal-marġni ta' dumping.

77. F'dan ir-rigward, għandu madankollu jiġi rrilevat, l-ewwel nett, li, hekk kif jirriżulta mill-punt 73 ta' dawn il-konklużjonijiet, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 2.4.2 tal-ftehim antidumping – li fid-dawl tiegħu l-Qorti Ġenerali interpretat l-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku – għandhom jiġu kkunsidrati bħala "tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni paragunabbli" t-tranżazzjonijiet kollha li jirrigwardaw kull wieħed mit-tipi tal-prodott ikkonċernat[60]. Fil-fatt, għalkemm it-tipi kollha tal-prodott ikkonċernat, kif iddefinit matul l-investigazzjoni, jistgħu jiġu asismilati mal-prodott simili, għalhekk

55 — Sentenza tas-27 ta' Settembru 2007 (C-351/04, EU:C:2007:547).

56 — Ara s-sentenza tas-27 ta' Settembru 2007, Ikea Wholesale (C-351/04, EU:C:2007:547, punt 56). Korsiv miżjud minni.

57 — Ara l-punti 55 u 58 tar-Rapport tal-Bord tal-Appell tad-WTO tal-1 ta' Marzu 2001 intitolat "Komunitajiet Ewropej – Dazji antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' lożor u mħaded mill-Indja" (DS141/AB/R). Korsiv miżjud minni.

58 — B'applikazzjoni tal-metodu tat-tnaqqis għal żero, l-istituzzjonijiet, meta jiddeterminaw il-marġni ta' dumping globali, inaqqsu għal żero l-marġni ta' dumping negattivi, jiġifieri l-marġni stabbiliti fir-rigward ta' mudelli tal-prodott ikkonċernat li għalihom il-prezz tal-esportazzjoni jkun ogħla mill-valur normali. Ara f'dan ir-rigward, is-sentenza tas-27 ta' Settembru 2007, Ikea Wholesale (C-351/04, EU:C:2007:547, punti 53 u 54), kif ukoll il-punt 88 tas-sentenza appellata.

59 — Ara l-punt 40 tas-sentenza appellata. Korsiv miżjud minni.

60 — Ara ċ-ċitazzjonijiet fin-nota ta' qiegħ il-paġna 57 ta' dawn il-konklużjonijiet.

ir-rekwiżit ta' trattament koerenti tal-prodott ikkonċernat (u tal-prodott simili), imsemmi fil-punt 62 ta' dawn il-konklużjonijiet, jimponi li t-tipi kollha jkunu neċessarjament ikkunsidrati bħala paragunabbli u li, għalhekk, it-tranżazzjonijiet kollha li jikkonċernawhom huma paragunabbli, u dan minkejja l-assenza ta' informazzjoni fir-rigward tal-prezzijiet ta' wħud minn dawn it-tranżazzjonijiet.

78. Fil-każ fejn l-istituzzjonijiet ma jkollhomx informazzjoni li tikkonċerna l-prezzijiet (kemm jekk fil-pajjiż esportatur jew, jekk ikun il-każ, fil-pajjiż analogu) fir-rigward ta' ċerti tipi tal-prodott ikkonċernat, huma jkollhom żewġ għażliet: jew inaqsu l-portata tad-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat, billi jiġu eskluži mill-investigazzjoni t-tipi ta' prodott li għalihom ma hemmx prezz paragunabbli[61]; jew li jfasslu l-valur normali għal dawn it-tipi tal-prodott ikkonċernat, b'mod li jkunu jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll it-tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni li jikkonċernawhom fid-determinazzjoni tal-marġni ta' dumping.

79. It-tieni nett, huwa minnu li, skont ir-riferiment għall-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku li jinsab fl-Artikolu 2(11) tal-istess regolament[62], l-obbligu li jsir paragun xieraq ikopri wkoll id-determinazzjoni tal-eżistenza tal-marġni ta' dumping. Madankollu, minn naħa, dan bl-ebda mod ma jimplika li dan l-obbligu jista' jiġi interpretat fis-sens li jillimita l-portata tad-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat jew l-obbligu li jiġu kkunsidrati, fid-determinazzjoni tal-marġni ta' dumping, l-esportazzjonijiet *kollha* ta' dan il-prodott lejn l-Unjoni[63]. Min-naħa l-oħra, xejn fl-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku ma jippermetti li tiġi dedottta l-eżistenza tal-kunċett ta' "paragun iktar xieraq" li fuqu l-Qorti Ġenerali tibbaża l-parti l-kbira tar-raġunament tagħha.[64].

80. It-tieni preċiżjoni tirrigwarda l-esklużjoni espliċita min-naħa tal-Qorti Ġenerali tar-rilevanza f'dan il-każ tal-każijiet li jirrigwardaw il-metodu ta' tnaqqis għal żero[65].

81. B'mod iktar partikolari, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rilevanza tal-kawża Ikea Wholesale, li fiha l-istituzzjonijiet kienu applikaw tali metodu, billi kkunsidrat li "f'dan il-każ, ma jistax jiġi kkunsidrat li l-marġni ta' dumping ma kienx ikkalkolat abbażi ta' rappreżentazzjoni sinjifikattiva tat-tipi tal-prodott ikkonċernat, u b'hekk ma jirriflettix il-prezzijiet tal-esportazzjoni paragunabbli kollha"[66]. Imbagħad il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li, bid-differenza tal-każijiet ta' użu tal-metodu tat-tnaqqis għal żero – li fihom, waqt il-paragun għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-marġni ta' dumping, il-kategorija kollha tat-tipi tal-prodott ikkonċernat li għalihom kien ġie kkonstatat marġni ta' dumping negattiv kienet ġiet injorata –, f'dan il-każ, ma kienx possibbli li jiġi kkunsidrat li l-approċċ tal-istituzzjonijiet kellu l-effett li jwessa' r-riżultat tal-kalkolu tal-marġni ta' dumping[67].

82. F'dan il-każ, ma nemminx li huwa possibbli li tiġi eskluża b'mod assolut ir-rilevanza tal-ġurisprudenza u tad-deċiżjonijiet tad-DSB dwar l-applikazzjoni tal-metodu tat-tnaqqis għal żero, kif għamlet il-Qorti Ġenerali. Fil-fatt, l-imsemmija każijiet u din il-kawża għandhom elementi ta' xebh qawwijin sa fejn dawn kollha ttrattaw in-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-marġni ta' dumping, ta' parti mit-tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni relatati mal-prodott ikkonċernat kif iddefinit matul l-investigazzjoni. Fil-kuntest tal-kawżi dwar il-metodu tat-tnaqqis għal żero, dawn huma tranżazzjonijiet li għalihom il-paragun tal-prezz tagħhom mal-valur normali kien ta lok għal marġni negattiv. F'dan il-każ, dawn huma tranżazzjonijiet li jikkonċernaw

61 — Ara f'dan is-sens il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Léger fil-Kawża Ikea Wholesale (C-351/04, EU:C:2006:236, punti 168).

62 — Bl-istess mod, l-Artikolu 2.4.2 tal-ftehim antidumping jirreferi għall-Artikolu 2.4 tal-istess ftehim.

63 — F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat ukoll li l-Bord tal-Appell tad-DSB iddikjara b'mod espliċitu li "paragun bejn prezz tal-esportazzjoni u valur normali li *ma jiħux* kunsiderazzjoni kif dovut tal-prezzijiet tat-tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni komparabbli *kollha* […] ma huwiex 'paragun xieraq' bejn prezz tal-esportazzjoni u valur normali, kif meħtieġ fil-paragrafu 2.4 u fis-subparagrafu 2.4.2.". Ara l-punt 55 tar-Rapport tal-1 ta' Marzu 2001 intitolat "Komunitajiet Ewropej – Dazji antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' lożor u mħaded mill-Indja" (DS141/AB/R).

64 — Ara f'dan ir-rigward, il-punt 84 tas-sentenza appellata.

65 — Ara l-punti 85 sa 89 tas-sentenza appellata.

66 — Ara l-punt 85 tas-sentenza appellata.

67 — Ara l-punt 88 tas-sentenza appellata.

it-tipi ta' prodott li għalihom l-istituzzjonijiet ma kellhomx informazzjoni li kienet tikkonċerna l-prezzijiet ta' bejgħ. Id-differenza bejn iż-żewġ tipi ta' każijiet tinsab ġustament fiċ-ċirkustanza li, f'tal-ewwel, l-effett tat-tranżazzjonijiet inkwistjoni fuq id-determinazzjoni tal-marġni ta' dumping kien ġie distort, filwaqt li, f'dan il-każ, l-effett ta' dawn it-tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni fuq l-imsemmija determinazzjoni kien sempliċement, minħabba l-esklużjoni tagħhom, ġie injorat.

83. Madankollu, jiena ma narax għal liema raġuni tali differenza għandu jkollha l-konsegwenza li l-prinċipji espressi f'dawn id-deċiżjonijiet fir-rigward tad-determinazzjoni tal-marġni ta' dumping – u, b'mod speċifiku, ir-rekwiżit li f'din id-determinazzjoni jittieħdu inkunsiderazzjoni l-esportazzjonijiet kollha relatati mal-prodott ikkonċernat – għandhom jiġu injorati u ma jkunux għalhekk applikabbli f'dan il-każ.

84. Għal dak li jirrigwarda l-argument ibbażat fuq ir-rappreżentattività tal-marġni ta' dumping, kif ikkalkolati, fid-dawl tat-tipi kollha tal-prodott ikkonċernat[68], għandu jiġi rrilevat li, anki jekk dawn il-marġni kienu rappreżentattivi tal-ħames tipi ta' prodott l-iktar mibjugħa, kif ikkonstatat il-Qorti Ġenerali fil-punt 81 tas-sentenza appellata, dan ma jnaqqas xejn mill-fatt li l-istituzzjonijiet, billi eskludew ċerti tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni mill-kalkolu tal-imsemmija marġni, naqsu milli jieħdu inkunsiderazzjoni l-prodott ikkonċernat fit-totalità tiegħu u milli jikkalkolaw l-imsemmija marġni billi jieħdu inkunsiderazzjoni l-prezzijiet tal-esportazzjonijiet kollha lejn l-Unjoni ta' dan il-prodott, skont l-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku[69].

85. Barra minn hekk, ma huwiex ikkontestat li, f'dan il-każ, 38 % u 43 % mill-bejgħ taż-żewġ appellanti rispettivament ma ttieħdux inkunsiderazzjoni fil-kalkolu tal-marġni ta' dumping, b'tali mod li, minn naħa, ir-rappreżentattività ta' dawn il-marġni sa fejn tirrigwardahom tista' titqies dubjuża u, min-naħa l-oħra, huwa possibbli li jiġi mistoqsi jekk ir-rekwiżit, imsemmi fil-punti 65 u 66 ta' dawn il-konklużjonijiet, li l-marġni ta' dumping jirrifletti l-grad sħiħ tad-dumping ipprattikat, kien tal-inqas, sa fejn jirrigwarda l-appellanti, osservat[70].

86. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-osservazzjoni tal-Qorti Ġenerali, li tinsab fil-punt 89 tas-sentenza appellata, li l-użu tal-metodu tal-pajjiż analogu jista' jagħti lok għal diffikultajiet addizzjonali, nosserva li xejn fl-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, u lanqas fl-għanijiet ta' din id-dispożizzjoni[71], ma jiġġustifika li tiġi interpretata fis-sens li tillimita l-obbligu, previst fl-Artikolu 2(11) tal-istess regolament, li fid-determinazzjoni tal-marġni ta' dumping jiġu kkunsidrati l-esportazzjonijiet kollha lejn l-Unjoni tal-prodott ikkonċernat, kif iddefinit matul l-investigazzjoni.

87. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha u għar-raġunijiet esposti, nikkunsidra li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonkludiet li l-Kunsill ma wettaqx żball manifest ta' evalwazzjoni meta eskluda mill-kalkolu tal-marġni ta' dumping it-tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni li jirrigwardaw ċerti tipi tal-prodott ikkonċernat u li, għalhekk, ir-Regolament ikkontestat ma jiksirx la l-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku u lanqas l-Artikolu 2.4.2 tal-ftehim antidumping. Nipproponi għalhekk lill-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' l-ewwel aggravju.

68 — F'dan ir-rigward, ara wkoll il-punti 81 sa 84 tas-sentenza appellata.

69 — F'dan ir-rigward, għall-kuntrarju ta' dak li targumenta l-Kummissjoni, jiena ma naħsibx li huwa possibbli li jiġi dedott miċ-ċirkustanza li l-Qorti tal-Ġustizzja, fil-punt 56 tas-sentenza tas-27 ta' Settembru 2007, Ikea Wholesale (C-351/04, EU:C:2007:547), riprodott fil-punt 72 ta' dawn il-konklużjonijiet, kienet użat it-termini "jirriflettu kompletament", li hija xtaqet tikkonferma interpretazzjoni tal-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku li, għall-kuntrarju tal-formulazzjoni tad-dispożizzjoni nnifisha, tippermetti li jiġi stabbilit il-marġni ta' dumping billi jiġu eskluż ċerti tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni li jirrigwardaw il-prodott ikkonċernat.

70 — F'tali kuntest, il-Qorti Ġenerali ma tistax tikkumpensa d-determinazzjoni tal-marġni ta' dumping b'mod mhux konformi mal-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku billi tistenna mill-appellanti li jitolbu li "bit-teħid inkunsiderazzjoni tat-tipi kollha tal-prodotti, il-marġni ta' dumping ikkalkolat kien ikun essenzjalment differenti minn dak stabbilit fir-Regolament ikkontestat" (ara l-punt 83 *in fine* tas-sentenza appellata). Barra minn hekk, fid-dawl tal-fatt li l-informazzjoni li tirrigwarda l-kostruzzjoni tal-valur normali kienet baqgħet kunfidenzjali, il-produzzjoni tal-prova ta' tali ċirkustanza f'dan il-każ prattikament ma setgħetx issehħ (ara l-punti 117 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet). Huwa abbażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandu wkoll jiġi miċħud l-argument, ibbażat fuq dan il-punt tas-sentenza appellata, li jsostni n-natura ineffettiva tal-ewwel aggravju li l-Kummissjoni ressqet fis-seduta.

71 — Ara l-punti 99 u 100 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 79 ta' dawn il-konklużjonijiet.

D – *Fuq it-tieni aggravju, dwar ir-rifjut li jsiru ċerti aġġustamenti*

88. It-tieni aggravju, li huwa maqsum f'erba' partijiet, jirrigwarda r-raġunament tal-Qorti Ġenerali li jinsab fil-punti 96 sa 126 tas-sentenza appellata. Dan huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku, tal-Artikolu 2.4 tal-ftehim antidumping, tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba kif ukoll tal-Artikolu 296 TFUE.

1. Fuq l-ewwel u t-tieni parti tat-tieni aggravju, ibbażati fuq il-ksur tal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku u tal-Artikolu 2.4 tal-ftehim antidumping, fir-rigward taċ-ċaħda tat-talbiet għal aġġustamenti

89. L-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball meta ma kkonkludietx li l-istituzzjonijiet kisru l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 2.4 tal-ftehim antidumping sa fejn dawn ċaħdu t-talbiet tagħhom għal aġġustamenti fir-rigward, minn naħa, tad-differenzi eżistenti bejn l-ispejjeż ta' produzzjoni tagħhom u dawk tal-produttur Indjan [72], u min-naħa l-oħra, differenzi ta' effiċjenza ta' konsum u ta' produttività [73].

a) Is-sentenza appellata

90. L-ewwel nett, għal dak li jirrigwarda t-talbiet għal aġġustamenti fir-rigward tad-differenzi allegati bejn l-ispejjeż ta' produzzjoni, l-appellanti, quddiem il-Qorti Ġenerali sostnew li wrew, permezz ta' analiżi tal-informazzjoni li tirrigwarda l-produttur Indjan, li dan stabbilixxa b'mod sistematiku l-prezzijiet tiegħu b'mod li jiżguralu li jirkupra kompletament l-ispejjeż tiegħu u li, għalhekk id-differenzi kollha tal-ispiża kienu riflessi mid-differenzi fil-prezz. Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet dan l-argument, billi rrilevat li l-Indja kienet ikkunsidrata bħala pajjiż b'ekonomija tas-suq – għażla li ma kinitx ikkontestata mill-appellanti – u li l-istituzzjonijiet setgħu validament jikkunsidraw li peress li jinsab f'kompetizzjoni ma' diversi produtturi oħra fis-suq intern fl-Indja, il-produttur Indjan ma setax jistabbilixxi liberament il-prezzijiet tiegħu, iżda kellu bilfors iżommhom fil-livell tal-prezzijiet tas-suq Indjan [74]. Il-Qorti Ġenerali kkunsidrat ukoll li f'dan il-każ, l-appellanti ma wrewx li d-differenzi allegati affettwaw il-paragunabbiltà tal-prezzijiet [75].

91. It-tieni nett, għal dak li jirrigwarda r-rifjut tat-talbiet għal aġġustamenti fir-rigward tad-differenzi relatati mal-effiċjenza ta' konsum u ta' produttività, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-appellanti ma wrewx kif dawn id-differenzi affettwaw il-paragunabbiltà bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni. Barra minn hekk, skont il-Qorti Ġenerali, minn naħa, meta l-istituzzjonijiet jużaw il-metodu tal-pajjiż analogu, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni l-informazzjoni kollha relatata ma' dak il-pajjiż, u mhux biss il-prezzijiet u l-ispejjeż, u, min-naħa l-oħra l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku ma jistax jintuża sabiex iċaħħad l-effett tal-Artikolu 2(7)(a) tal-istess regolament [76]. Il-Qorti Ġenerali kkunsidrat ukoll li l-appellanti ma pproduċewx prova tan-natura żbaljata tat-talba tal-Kunsill li, b'mod ġenerali, il-proċessi ta' produzzjoni eżistenti fiċ-Ċina kienu ġew iddikjarati bħala paragunabbli għal dawk tal-produtturi Indjani u li d-differenzi allegati kienu rriżultaw żgħar ħafna. Barra minn hekk, skont il-Qorti Ġenerali, peress li l-appellanti ma jibbenefikawx mill-istatus ta' kumpannija li topera f'ekonomija tas-suq, l-informazzjoni li tirrigwardahom ma setgħetx tittieħed inkunsiderazzjoni fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-valur normali [77].

72 — L-appellanti jsemmu b'mod speċifiku l-ispejjeż għall-aċċess għall-materja prima u l-ispejjeż marbuta mal-użu tal-proċess ta' produzzjoni addizzjonali (l-awtoġenerazzjoni ta' enerġija) mill-produttur Indjan.

73 — L-appellanti rreferew għad-differenzi fil-konsum (fil-kwantità u mhux fil-valur) ta' materji primi, fil-konsum (fil-kwantità u mhux fil-valur) ta' elettriku u fil-produttività mill-ħaddiem bejniethom stess u l-produttur Indjan.

74 — Punti 103 sa 108 tas-sentenza appellata.

75 — Punt 116 tas-sentenza appellata.

76 — Punt 110 tas-sentenza appellata.

77 — Punt 111 tas-sentenza appellata u l-punt 103 tar-Regolament ikkontestat.

b) Sunt qasir tal-argumenti tal-partijiet

92. Fil-kuntest tal-ewwel parti tat-tieni aggravju tagħhom, l-appellanti jargumentaw li ma huwiex ċar kif, quddiem il-provi li huma kienu pproduċew, l-istituzzjonijiet setgħu validament japplikaw il-prinċipju li l-produttur Indjan ma setax jirrifletti l-ispejjeż ogħla li jirriżultaw mill-fatt li huwa importa materja prima u kien daħal fi proċess ta' produzzjoni addizzjonali għall-unika raġuni li kien f'kompetizzjoni ma' numru ta' produtturi oħra. Barra minn hekk, huma pprovdew lill-Qorti Ġenerali dikjarazzjonijiet li jikkonfermaw l-impatt dirett tal-ispejjeż fuq il-prezzijiet anki fis-suq tal-Unjoni, li wkoll huwa kkaratterizzat mill-eżistenza tal-kompetizzjoni.

93. Fil-kuntest tat-tieni parti tat-tieni aggravju, l-appellanti jsostnu li mill-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku ma jirriżultax li r-rekwiżit ta' paragun xieraq jew id-determinazzjoni tal-marġni ta' dumping għandhom ikunu bbażati fuq l-informazzjoni kollha relatata mal-pajjiż analogu. Ma teżisti ebda deroga mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku għall-każ tal-pajjiżi li ma għandhomx ekonomija tas-suq. Ikun żbaljat li jingħad li l-metodu tal-pajjiż analogu huwa nieqes mill-effett jekk kien aċċettat li jsiru aġġustamenti. It-teħid inkunsiderazzjoni tal-aġġustamenti marbuta mad-differenzi ta' effiċjenza u ta' produttività ma huwiex kuntrarju għall-għan tal-metodu tal-pajjiż analogu, għaliex il-konsum imnaqqas ta' materja prima u ta' elettriku u l-effiċjenza tal-ħaddiema ma għandhom ebda rabta la mal-prezzijiet u mal-ispejjeż ta' dawn l-elementi, u lanqas mal-forzi tas-suq.

94. L-istituzzjonijiet jikkontestaw l-argument tal-appellanti.

c) Evalwazzjoni

95. Iż-żewġ partijiet iqajmu l-kwistjoni tar-relazzjoni bejn, minn naħa, id-dispożizzjoni tal-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, li tirrigwarda d-determinazzjoni tal-valur normali fil-każ ta' importazzjonijiet minn pajjiż li ma għandux ekonomija tas-suq, u, min-naħa l-oħra, id-dispożizzjoni tal-Artikolu 2(10) tal-istess regolament, li, fil-kuntest tal-obbligu li jsir paragun xieraq bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni, tipprovdi r-rekwiżit, meta dan ikun neċessarju, li jsiru aġġustamenti.

96. F'dan ir-rigward, minn naħa, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku, fil-każijiet fejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni stabbiliti ma jkunux jistgħu jiġu pparagunati, f'kull każ, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, fil-forma ta' aġġustamenti, differenzi kkonstatati fil-fatturi li jkunu ġew mitluba u jiġi pprovat li dawn jaffettwaw il-prezzijiet u, b'hekk, il-paragunabbiltà tagħhom.

97. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jekk parti titlob, skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku, aġġustamenti intiżi sabiex jirrendu paragunabbli l-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni fid-dawl tad-determinazzjoni tal-marġni ta' dumping, din il-parti għandha tipproduċi l-prova li t-talba tagħha hija ġġustifikata. B'hekk, meta produttur jitlob li jiġi applikat aġġustament, fil-prinċipju 'l isfel, tal-valur normali, huwa dan l-operatur li għandu jindika u juri li l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' tali aġġustament huma ssodisfatti [78].

98. Min-naħa l-oħra, għandu jitfakkar ukoll li, skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, fil-każ ta' importazzjonijiet minn pajjiż li ma għandux ekonomija tas-suq, b'deroga għar-regoli stabbiliti fil-paragrafi (1) sa (6) tal-istess artikolu, il-valur normali huwa, fil-prinċipju, iddeterminat abbażi tal-prezz jew tal-valur maħdum f'pajjiż terz b'ekonomija tas-suq.

78 — Sentenza tas-16 ta' Frar 2012, Il-Kunsill u Il-Kummissjoni vs Interpipe Niko Tube u Interpipe NTRP (C-191/09 P u C-200/09 P, EU:C:2012:78, punti 58 u 61 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

99. Il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li din id-dispożizzjoni hija intiża sabiex tipprevjeni t-teħid inkunsiderazzjoni tal-prezzijiet u tal-ispejjeż eżistenti fil-pajjiżi li ma għandhomx ekonomija tas-suq sa fejn dawn il-parametri ma humiex ir-riżultat normali tal-forzi li jaġixxu fis-suq [79].

100. Għal dak li jirrigwarda r-relazzjonijiet bejn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet, għandu jiġi rrilevat li fir-Regolament bażiku xejn ma jindika li l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku jipprevedi deroga ġġeneralizzata għar-rekwiżit li jsiru aġġustamenti għat-termini tal-Artikolu 2(10) tal-istess regolament. Madankollu, fil-każ fejn talbiet għal aġġustament tal-valur normali jiġu ppreżentati skont din l-aħħar dispożizzjoni f'investigazzjoni li fiha l-valur normali huwa ddeterminat skont il-leġiżlazzjoni li tirrigwarda l-importazzjonijiet minn pajjiż li ma għandux ekonomija tas-suq, fl-opinjoni tiegħi, huwa neċessarju li l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku jiġi interpretat fid-dawl u fil-kuntest tal-Artikolu 2(7)(a) tal-istess regolament.

101. B'hekk, f'każ fejn, bħal hawnhekk, l-istituzzjonijiet jiddeterminaw il-valur normali b'applikazzjoni tal-metodu tal-pajjiż analogu, skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolamen bażiku, huma għandhom, *b'mod ġenerali*, jieħdu inkunsiderazzjoni, taħt il-forma ta' aġġustamenti, differenzi kkonstatati fil-fatturi mitluba u li fihom jidher li dawn jaffettwaw il-prezzijiet u għalhekk, il-paragunabbiltà tagħhom.

102. Madankollu, ir-rekwiżit li l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku jiġi interpretat fid-dawl tal-Artikolu 2(7)(a) tal-istess regolament jimplika li, f'tali każ, sabiex din l-aħħar dispożizzjoni ma tkunx nieqsa minn effett utili, ma jistax ikun meħtieġ mill-istituzzjonijiet li jagħmlu aġġustamenti fir-rigward ta' fatturi li ma humiex direttament jew indirettament ir-riżultat normali tal-forzi li jaġixxu fis-suq.

103. Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet jirriżulta li operatur li ma bbenefikax mill-istatus ta' kumpannija li topera fil-kundizzjonjiet ta' ekonomija tas-suq ma jistax, fl-opinjoni tiegħi, jibbaża ruħu fuq differenzi relatati ma' fatturi marbuta mal-istruttura tal-ispejjeż tagħha jew tal-attività ta' produzzjoni tagħha sabiex jitlob aġġustamenti tal-valur normali [80]. Fil-fatt, huwa kważi ċert li kemm l-istruttura tal-ispejjeż kif ukoll l-attività produttiva ta' impriża li topera f'kundizzjonijiet li ma humiex dawk ta' ekonomija tas-suq huma, ftit jew wisq direttament, influwenzati minn parametri li ma humiex ir-riżultat normali ta' forzi li jaġixxu fis-suq.

104. F'dan il-każ, għal dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, it-talbiet għal aġġustamenti fir-rigward tad-differenzi allegati bejn l-ispejjeż ta' produzzjoni, għandu qabelxejn jiġi rrilevat li l-argumenti mressqa mill-appellanti huma intiżi, essenzjalment, sabiex jikkontestaw il-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Qorti Ġenerali fir-rigward tal-elementi differenti pprovduti mill-appellanti matul il-proċedura amministrattiva, jiġifieri l-analiżi ta' informazzjoni li tirrigwarda l-produttur Indjan kif ukoll id-dikjarazzjonijiet differenti li jirrigwardaw is-suq tal-Unjoni. Essenzjalment, dan iwassal sabiex tiġi kkontestata l-evalwazzjoni tal-provi magħmula mill-Qorti Ġenerali, li ma tikkostitwixxix, bl-eċċezzjoni tal-każ tal-iżnaturament ta' dawn il-provi, kwistjoni ta' liġi suġġetta, bħala tali, għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja [81].

79 — Sentenza tal-10 ta' Settembru 2015, Fliesen-Zentrum Deutschland (C-687/13, EU:C:2015:573, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

80 — Il-Qorti Ġenerali applikat essenzjalment dan il-prinċipju fil-punt 111 *in fine* tas-sentenza appellata.

81 — Ara, fost l-oħrajn, is-sentenza tas-16 ta' Frar 2012, Il-Kunsill u Il-Kummissjoni vs Interpipe Niko Tube u Interpipe NTRP (C-191/09 P u C-200/09 P, EU:C:2012:78, punti 64 sa 65 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

105. Barra minn hekk, billi jagħmlu riferiment għall-provi prodotti quddiem il-Qorti Ġenerali, l-appellanti fir-realtà ma kkontestawx ir-raġuni fundamentali li kienet il-bażi taċ-ċaħda tal-ilment tagħhom mill-Qorti Ġenerali, jiġifieri li, peress li l-produttur Indjan jaġixxi f'suq kompetittiv, il-libertà tiegħu li jistabbilixxi l-prezzijiet tal-prodotti tiegħu kienet limitata mis-sitwazzjoni tal-kompetizzjoni [82] u li, b'hekk, ma kienx ikkonfermat li dan il-produttur seta' jgħaddi awtomatikament fuq il-prezzijiet tiegħu eventwali spejjeż ta' produzzjoni li kienu ogħla.

106. Fi kwalunkwe każ, fid-dawl tal-kunsiderazzjonjiet magħmula fil-punti 102 u 103 ta' dawn il-konklużjonijiet, f'każ bħal dan, talbiet għal aġġustamenti, imressqa minn impriżi bħall-appellanti, li rrigwardaw differenzi allegati bejn l-ispejjeż ta' produzzjoni tagħhom u dawk tal-produttur tal-pajjiż analogu ma jistgħux jiġu aċċettati. F'dan ir-rigward, nirrileva li l-appellanti ma kkontestawx il-konklużjoni li tinsab fil-premessa 103 tar-Regolament ikkontestat, li tipprovdi li sa fejn huma ma kinux ibbenefikaw mill-istatus ta' kumpannija li topera fil-kundizzjonijiet ta' ekonomija tas-suq, "l-istruttura tal-ispiża tagħhom ma [setgħetx] titqies li tirrifletti l-valuri tas-suq li jistgħu jintużaw bħala bażi għal aġġustamenti".

107. Fit-tieni lok, għal dak li jirrigwarda t-talbiet għal aġġustamenti fir-rigward tad-differenzi relatati mal-effiċjenza ta' konsum u ta' produttività, inqis li, anki jekk il-produttività u l-effiċjenza ta' konsum ma jikkostitwixxux spejjeż proprji, dawn jiddependu minn diversi fatturi involuti fl-attività produttiva li minnhom jista' jiġi preżunt b'mod raġonevoli li dawn huma influwenzati, tal-inqas indirettament, minn parametri li ma humiex ir-riżultat normali tal-forzi li jaġixxu fis-suq.

108. Għalhekk, f'sitwazzjoni fejn il-valur normali huwa ddeterminat abbażi tal-metodu tal-pajjiż analogu, impriża li ma bbenefikatx mill-istatus ta' kumpannija li topera fil-kundizzjonijiet ta' ekonomija tas-suq ma tistax tibbaża ruħha fuq differenzi li jirrigwardaw il-produttività u l-effiċjenza sabiex titlob aġġustamenti tal-valur normali.

109. Minn dan isegwi li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball meta ċaħdet l-ilment tal-appellanti fir-rigward tar-rifjut tal-istituzzjonijiet li jieħdu inkunsiderazzjoni, f'dan il-każ, l-aġġustamenti inkwistjoni u li, għalhekk, l-ewwel u t-tieni parti tat-tieni aggravju għandhom jiġu miċħuda.

2. Fuq it-tielet parti tat-tieni aggravju, dwar l-informazzjoni neċessarja sabiex jintalbu aġġustamenti u l-oneru tal-prova mhux raġonevoli

110. Fit-tielet parti tat-tieni aggravju, l-appellanti jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali li wettqet ksur tal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku, tal-Artikolu 2.4 tal-ftehim antidumping kif ukoll tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.

111. Huma jirreferu għall-punt 112 tas-sentenza appellata li fih il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-ilment tagħhom ibbażat fuq il-fatt li l-istituzzjonijiet kisru l-obbligi tagħhom li jindikaw liema informazzjoni kienet neċessarja sabiex ikunu jistgħu jintalbu aġġustamenti u li ma jiġix impost fuqhom oneru tal-prova mhux raġonevoli.

82 — Dwar it-teħid inkunsiderazzjoni tal-effett tal-kompetizzjoni fuq id-determinazzjoni tal-prezzijiet fil-kuntest ta' analiżi antidumping li tikkonċerna analiżi bbażata fuq il-metodu tal-pajjiż analogu, ara s-sentenza tal-10 ta' Settembru 2015, Fliesen-Zentrum Deutschland (C-687/13, EU:C:2015:573, punti 57 sa 59).

112. L-appellanti jsostnu li l-fatt, enfasizzat mill-Qorti Ġenerali, li huma setgħu jifhmu r-raġunijiet ta' ċaħda tat-talbiet għal aġġustamenti tagħhom ma għandux effett fuq il-kwistjoni dwar jekk ġiex impost fuqhom oneru tal-prova mhux raġonevoli. Barra minn hekk, minn naħa, l-istituzzjonijiet kellhom jikkunsidraw l-informazzjoni kollha relatata mal-informazzjoni tal-produttur tal-pajjiżi analogu bħala kunfidenzjali u, min-naħa l-oħra, huma kellhom jeżiġu mill-appellanti li juru li l-produttur Indjan kien ħa inkunsiderazzjoni differenzi allegati fil-prezzijiet tiegħu. Issa, mingħajr aċċess għall-informazzjoni tal-produttur Indjan, huwa impossibbli li tali oneru tal-prova jiġi ssodisfatt.

113. Din il-parti tqajjem il-problema ta' konċiljament ta' żewġ rekwiżiti li, f'ċerti ċirkustanzi, jistgħu jippreżentaw ruħhom bħala opposti. Minn naħa, hemm ir-rekwiżit tal-ħarsien tal-kunfidenzjalità tal-informazzjoni tal-impriżi li jaċċettaw li jikkooperaw mal-istituzzjonijiet fil-kuntest tal-investigazzjonijiet antidumping. Tali rekwiżit jidher partikolarment importanti fil-każijiet ta' applikazzjoni tal-metodu tal-pajjiż analogu li fihom l-istituzzjonijiet ġeneralment jibbażaw ruħhom fuq l-informazzjoni pprovduta minn impriżi tal-pajjiż analogu li jipprovdu l-kooperazzjoni tagħhom fil-kuntest tal-investigazzjoni. Fil-fatt, nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' dan ir-rekwiżit jirriskja li jikkompromett i b'mod serju l-possibbiltà li jsiru dawn l-investigazzjonijiet. Min-naħa l-oħra, tali rekwiżit huwa kunfliġġenti mar-rekwiżit li lill-partijiet li jressqu talbiet għal aġġustamenti, skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku, ikunu jistgħu jkollhom l-informazzjoni neċessarja sabiex ikunu jistgħu jiġġustifikaw il-bażi tat-talbiet tagħhom [83].

114. F'dan ir-rigward, għandu, qabelxejn, jiġi rrilevat li l-Artikolu 2.4 tal-ftehim antidumping jippreċiża li l-"awtoritajiet għandhom jindikaw lill-partijiet in kwistjoni x'tip ta' informazzjoni hi meħtieġa biex jassiguraw paragun imparzjali u ma jimponux oneru tal-prova ta' natura mhux raġonevoli fuq il-partijiet".

115. Fir-rapport tiegħu tat-28 ta' Lulju 2011 – imsemmi fil-punti 7, 40 u 41 ta' dawn il-konklużjonijiet – dwar il-każ "Il-Komunitajiet Ewropej – Miżuri anti-dumping definittivi dwar ċerti qfieli tal-ħadid jew tal-azzar miċ-Ċina", il-Bord tal-Appell tad-DSB ippreċiża li din id-dispożizzjoni tistipula li l-awtoritajiet responsabbli mill-investigazzjoni għandhom jindikaw lill-partijiet l-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fit-talbiet għal aġġustamenti, sabiex il-partijiet ikkonċernati jkunu fil-pożizzjoni li jressqu tali talbiet [84].

116. F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li r-rekwiżiti fuq imsemmija previsti b'mod espliċitu fl-Artikolu 2.4 tal-ftehim antidumping ma humiex espressament riprodotti fil-formulazzjoni tal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Madankollu, inqis li dawn jirriżultaw minn interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni mwettqa fid-dawl tal-Artikolu 2.4 tal-ftehim antidumping u li, fi kwalunkwe każ, dawn huma marbuta mal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, stabbilit fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea [85].

117. Issa, għall-kuntrarju ta' dak li huwa l-każ f'investigazzjoni antidumping ordinarja, f'investigazzjoni li fiha l-valur normali huwa stabbilit abbażi tal-prezzijiet ta' produttur ta' pajjiż analogu, l-informazzjoni li tirrigwarda dan il-valur tinkiseb mingħand sors terz u tirrigwarda pajjiż differenti mill-pajjiż tal-produtturi-esportaturi suġġetti tal-investigazzjoni. Sa fejn ma għandhomx aċċess għal din l-informazzjoni, dawn il-produtturi-esportaturi diffiċilment jista' jkollhom informazzjoni neċessarja sabiex ikunu jistgħu jiddeterminaw liema aġġustamenti jistgħu jintalbu lill-istituzzjonijiet sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni differenzi eventwali li jaffettwaw il-paragunabbiltà tal-prezzijiet bejn il-prodotti esportati u l-prodotti mibjugħa fis-suq intern mill-produttur tal-pajjiż analogu.

118. F'każ parallel, huma għalhekk l-istituzzjonijiet li għandhom jipprovdu lill-produtturi-esportaturi li huma s-suġġett tal-investigazzjoni informazzjoni suffiċjenti b'mod li jippermettulhom li jkunu fil-pożizzjoni li jressqu talbiet għal aġġustamenti.

83 — Ara l-punti 96 u 97 kif ukoll il-ġurisprudenza msemmija fin-nota ta' qiegħ il-paġna 78 ta' dawn il-konklużjonijiet.

84 — Punt 489 tar-Rapport tal-Bord tal-Appell, intitolat "KE – *Elementi ta' stabbiliment* (Ċina)".

85 — Ara f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Lulju 2008, Huvis vs Il-Kunsill (T-221/05, mhux ippubblikata, EU:T:2008:258, punt 77).

119. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, minn naħa, li l-evalwazzjoni tal-kwistjoni dwar liema informazzjoni partikolari għandha tinqasam, b'mod konkret, mal-imsemmija produtturi-esportaturi tiddependi minn analiżi li trid issir każ b'każ, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari ta' kull investigazzjoni. Min-naħa l-oħra, huma l-istituzzjonijiet li għandhom jipprovdu din l-informazzjoni b'mod li jittieħed inkunsiderazzjoni r-rekwiżit tal-ħarsien tal-kunfidenzjalità tal-informazzjoni tal-impriżi li jkunu aċċettaw li jikkooperaw fl-investigazzjoni inkwistjoni, b'mod partikolari, skont il-każ, produtturi tal-pajjiż analogu.

120. Issa, f'dan il-każ, jidher li l-informazzjoni *kollha* li tirrigwarda d-determinazzjoni tal-valur normali abbażi ta' informazzjoni li tirrigwarda l-produttur Indjan inżammet kunfidenzjali fir-rigward tal-produtturi-esportaturi suġġetti għall-investigazzjoni [86]. F'sitwazzjoni parallela, hekk kif isostnu l-appellanti, li "jintwera li d-differenzi allegati affettwaw il-paragunabbiltà tal-prezzijiet" [87] jidher effettivament bħala kompitu diffiċli li jitwettaq, jekk mhux impossibbli.

121. F'dawn iċ-ċirkustanzi, inqis li t-tielet parti tat-tieni aggravju għandha tintlaqa'.

122. Madankollu, nirrileva minn issa li, anki jekk il-Qorti tal-Ġustizzja, abbażi tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, kellha tirrileva li, f'dan il-każ, billi ma kkonstatax li l-istituzzjonijiet kisru l-obbligu tagħhom li jindikaw liema informazzjoni kienet neċessarja u li ma imponewx fuq il-produtturi-esportaturi suġġetti għall-investigazzjoni oneru tal-prova mhux raġonevoli, il-Qorti Ġenerali wettqet ksur tal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku, dan ma jistax ikollu konsegwenzi fuq ir-rifjut, fir-Regolament ikkontestat, tat-talbiet għal aġġustamenti magħmula mill-appellanti. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet li jiena għamilt fil-kuntest tal-analiżi tal-ewwel u tat-tieni parti ta' dan l-aggravju, fi kwalunkwe każ, l-aġġustamenti mitluba, minħabba l-konnessjoni tagħhom mal-istruttura tal-ispejjeż u tal-attività produttiva, ma setgħux jintalbu mill-impriżi, bħall-appellanti, li ma bbenefikawx mill-istatus ta' kumpannija li topera fil-kundizzjonijiet ta' ekonomija tas-suq [88].

3. Fuq ir-raba' parti tat-tieni aggravju, ibbażata fuq il-ksur tal-Artikolu 296 TFUE

123. Fir-raba' parti tat-tieni aggravju, l-appellanti argumentaw li, fil-punti 120 sa 124 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali wettqet żball meta kkonludiet li, fir-Regolament ikkontestat, l-istituzzjonijiet osservaw l-obbligu ta' motivazzjoni impost fuqhom. Fl-evalwazzjoni tagħha tal-grad ta' preċiżjoni meħtieġ għall-motivazzjoni, il-Qorti Ġenerali naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni l-kuntest li fih ir-Regolament ikkontestat jagħmel parti minnu, jiġifieri l-użu tal-metodu tal-pajjiż analogu u l-assenza ta' aċċess għall-informazzjoni li tikkonċerna l-produttur Indjan. Bl-istess mod, il-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni b'mod suffiċjenti l-korrispondenza bejn l-appellanti u l-istituzzjonijiet matul il-proċedura amministrattiva, korrispondenza li matulha tal-ewwel talbu lil tat-tieni jipprovdulhom spjegazzjonijiet iktar iddettaljati. F'dan il-kuntest, l-istituzzjonijiet kienu obbligati jippreċiżaw, b'mod suffiċjentement iddettaljat, ir-raġunijiet li għalihom l-argumenti u l-provi ppreżentati mill-appellanti ma ssodisfawx l-oneru tal-prova impost fuqhom.

124. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-motivazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 296 TFUE għandha tiġi adattata għan-natura tal-att inkwistjoni u għandha turi, b'mod ċar u inekwivoku, ir-raġunament tal-istituzzjoni li hija l-awtriċi tiegħu, b'tali mod li l-persuni kkonċernati jkunu jistgħu jsiru jafu l-ġustifikazzjonijiet tal-miżura meħuda u lill-qorti kompetenti li teżerċita l-istħarriġ tagħha. Dan ir-rekwiżit għandu jiġi evalwat fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ, b'mod partikolari tal-kontenut tal-att, tan-natura tal-motivi invokati u tal-interess li d-destinatarji tal-att jew persuni oħra kkonċernati direttament u individwalment mill-att jista' jkollhom sabiex jirċievu

86 — Ara l-punt 112 tas-sentenza appellata. Dan il-fatt ma kienx ikkontestat mill-istituzzjonijiet.

87 — Ara l-punt 116 tas-sentenza appellata.

88 — F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat ukoll li l-appellanti ma argumentawx li, minħabba l-fatt li ma kellhomx aċċess għall-informazzjoni li tikkonċerna d-determinazzjoni tal-valur normali abbażi ta' informazzjoni tal-produttur Indjan, huma kienu preklużi milli jressqu talbiet dwar tipi oħra ta' aġġustamenti.

spjegazzjonijiet. Il-motivazzjoni ma għandhiex bilfors tispeċifika l-punti kollha ta' fatt u ta' liġi rilevanti, peress li l-kwistjoni dwar jekk il-motivazzjoni ta' att issodisfatx ir-rekwiżiti tal-Artikolu 296 TFUE għandha tiġi evalwata fir-rigward mhux biss tal-formulazzjoni tiegħu, iżda wkoll tal-kuntest tiegħu kif ukoll tar-regoli ġuridiċi kollha li jirregolaw il-materja kkonċernata [89].

125. F'dan il-każ, sa fejn l-appellanti jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali li ma ħaditx inkunsiderazzjoni b'mod suffiċjenti l-iskambji matul il-proċedura amministrattiva, dan l-argument huwa intiż li jikkontesta l-evalwazzjoni tal-provi magħmula mill-Qorti Ġenerali, li, kif irrilevajt fil-punt 104 ta' dawn il-konklużjonijiet, ma huwiex ammissibbli fil-proċedura ta' appell [90].

126. Għal dak li jirrigwarda l-argument ibbażat fuq in-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-użu tal-metodu tal-pajjiż analogu, għandu jiġi rrilevat li l-analiżi tal-premessi 41 u 103 tar-Regolament ikkontestat, riprodotti fil-punt 99 tas-sentenza appellata, turi mingħajr ekwivoku possibbli li l-Kunsill tassew ħa inkunsiderazzjoni din iċ-ċirkustanza fl-espożizzjoni tal-motivi li għalihom ikkunsidra li kellu jiċħad it-talbiet għal aġġustamenti mressqa mill-appellanti. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali ma tistax tiġi kkritikata li ma kkundannatx il-motivazzjoni tar-Regolament ikkontestat għal tali raġuni. Għal dak li jirrigwarda l-argument ibbażat fuq l-assenza ta' aċċess għall-informazzjoni li tikkonċerna l-produttur Indjan, dan l-element ma għandu ebda effett fuq id-dmir ta' motivazzjoni li għandhom l-istituzzjonijiet u fi kwalunkwe każ, eventwali motivazzjoni ikbar ma tistax tikkumpensa n-nuqqas ta' aċċess għall-informazzjoni neċessarja sabiex jintalbu l-aġġustamenti.

127. Fl-opinjoni tiegħi, isegwi li r-raba' parti tat-tieni aggravju għandha tiġi miċħuda wkoll.

128. Fl-opinjoni tiegħi, bħala konklużjoni, mill-punti 87 u 121 ta' dawn il-konklużjonijiet jirriżulta li hemm lok li jintlaqa' l-appell ippreżentat mill-appellanti fil-Kawża C-376/15 P u li s-sentenza appellata tiġi annullata.

VI – **Fuq ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali**

129. Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, din tal-aħħar, f'każ ta' annullament tad-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, tista' hija stess tiddeċiedi definittivament il-kawża meta din tkun fi stat li tiġi deċiża. Jiena nikkunsidra li dan huwa il-każ hawnhekk.

130. Fil-fatt, mill-kunsiderazzjonijiet magħmula fil-punti 52 sa 87 ta' dawn il-konklużjonijiet jirriżulta li, billi eskluda, fir-Regolament ikkontestat, mill-kalkolu tal-marġni ta' dumping it-tipi ta' prodotti prodotti u esportati mill-appellanti li għalihom il-prezzijiet ta' bejgħ tal-produttur fil-pajjiż analogu ma kinux disponibbli, il-Kunsill wettaq ksur tal-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku u tal-Artikolu 2.4.2 tal-ftehim antidumping.

131. F'dawn iċ-ċirkustanzi, nikkunsidra li hemm lok li r-Regolament ikkontestat jiġi annullat sa fejn jirrigwarda l-appellanti.

89 — Ara s-sentenza tal-10 ta' Settembru 2015, Fliesen-Zentrum Deutschland (C-687/13, EU:C:2015:573, punti 75 u 76 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

90 — Ara l-ġurisprudenza ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 81 ta' dawn il-konklużjonijiet.

VII – **Fuq l-ispejjeż**

132. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' l-evalwazzjonijiet tiegħi, il-Kunsill ser ikun il-parti li jitlef fil-Kawża C-376/15 P. F'dawn iċ-ċirkustanzi, peress li l-appellanti talbu li jiġi kkundannat għall-ispejjeż, b'applikazzjoni tal-Artikolu 138(1) u tal-Artikolu 184(1), (2) u (4) tar-Regoli tal-Proċedura, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż sostnuti mill-appellanti kemm fl-ewwel istanza kif ukoll fil-proċedura tal-appell fil-Kawża C-376/15 P u tikkundanna lill-Kummissjoni tbati l-ispejjeż tagħha marbuta ma' din il-kawża.

133. Min-naħa l-oħra, peress li l-appell fil-Kawża C-377/15 P għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli, l-appellanti għandhom jiġu kkundannati għall-ispejjeż marbuta ma' din il-kawża.

VIII – **Konklużjoni**

134. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi kif ġej:

1) L-appell fil-Kawża C-377/15 P huwa miċħud bħala inammissibbli.

2) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tad-29 ta' April 2015, Changshu City Standard Parts Factory u Ningbo Jinding Fastener vs Il-Kunsill (T-558/12 u T-559/12, EU:T:2015:237), hija annullata.

3) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 924/2012, tal-4 ta' Ottubru 2012, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 91/2009, huwa annullat sa fejn jirrigwarda lil Changshu City Standard Parts Factory u Ningbo Jinding Fastener Co. Ltd.

4) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea huwa kkundannat għall-ispejjeż sostnuti minn Changshu City Standard Parts Factory u minn Ningbo Jinding Fastener Co. Ltd. fil-Kawża C-376/15 P kif ukoll dawk ta' quddiem il-Qorti Ġenerali.

5) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess marbuta mal-Kawża C-376/15 P.

6) Changshu City Standard Parts Factory u Ningbo Jinding Fastener Co. Ltd. għandhom ibatu l-ispejjeż marbuta mal-Kawża C-376/15 P.